FIL-QORTI KRIMINALI

Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

Ir-Repubblika ta' Malta
vs.
Matthew FARRUGIA

Att t'akkuża numru: 37/2022

Illum is-27 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-att ta' akkuża miġjuba fil-konfront **Matthew FARRUGIA** ta' 46 sena, iben Joseph u Mary nee' Fenech, imwieled il-Pieta' Malta nhar is-27 ta' Ġunju tas-sena 1977, u residenti 'Marfrank', Triq Luqa Briffa, Gżira u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 339177M li ġie akkużat talli:

L-EWWEL (1) KAP

Assoċjazzjoni għall-bejgħ jew traffikar tal-Cannabi

Il-fatti :-

Illi fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, Matthew Farrugia (minn hawn il-quddiem f'dan l-Att ta' Akkuża msejjaħ "l-akkużat") iddeċieda li jassoċja ruħu ma' persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex

jimporta, ibiegħ jew jittraffika d-droga (pjanta tal-cannabis jew biċċa minnha) f'Malta.

Fil-fatt fiż-żminijiet hawn fuq imsemmija, l-akkużat Matthew Farrugia kien ftiehem ma persuna jew persuni oħra fosthom ma' Jomic Calleja (akkużat fi proċeduri separati) li bejniethom kellu jsir negozju tad-droga cannabis, u cioe' negozju ta' importazzjoni, tmexxija u traffikar ta' droga cannabis minn Sqallija għal ġewwa Malta sabiex sussegwentement din id-droga tiġi traffikata b'mod illeċitu ġewwa Malta.

Illi għal dan il-għan huma fasslu pjan ta' kif id-droga cannabis kellha titlaq minn Sqallija u ssib ruħha fis-suq Malti. Il-pjan kien illi l-cannabis tinġieb Malta mill-akkużat Matthew Farrugia permezz ta' groupage consignment sabiex din id-droga sussegwentement tingħata lil persuna jew persuni oħra sabiex tiġi mibjugħa u traffikata ġewwa pajjiżna. B'hekk l-akkużat ftiehem u pjana ma persuna jew persuni oħra mhux biss in-natura tad-droga li kellha tiġi trasportata lejn Malta (cannabis) iżda wkoll il-mezz tat-trasport u r-rotta li permezz tagħhom din il-kunsinna tad-droga kellha tasal f'Malta sabiex eventwalment tkun tista' tiġi mqassma u traffikata hawn Malta.

Illi in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub u pjanat minn qabel, l-akkużat Matthew Farrugia mporta d-droga (pjanta cannabis) minn Sqallija għal ġewwa pajjiżna permezz ta' groupage consigment u ltaqa' ma terza persuna (ċertu David Lee Rogers, akkużat fi proċeduri separati) sabiex jgħaddilu din id-droga.

Illi b'xorti tajba, il-Pulizija Maltija rċeviet informazzjoni dwar importazzjoni u traffikar ta' sustanza lleċita li kellha ssir fi xtutna. Illi għaldaqstant nhar l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) saret operazzjoni mill-Iskwadra ta' kontra d-droga, bl-iskop li tiġi nterċettata din id-droga. Illi fortunatament il-Pulizija rnexxilha tinterċetta din id-droga u arrestat lill-akkużat Matthew Farrugia kif ukoll lil persuni oħra, fosthom lil David Lee Rogers u lil ċertu Angel Attard (akkużati fi proċeduri separati).

Illi minn stħarriġ li sar wara minn espert maħtur mill-Qorti, rriżulta li din id-droga kienet tikkonsisti fl-ammont ta' sittax-il kilo u erba' mija u ħamsa u

tmenin gramma (16.485 kg) tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha. Illi l-prezz li din id-droga kienet ġġib fuq is-suq miftuħ kien ta' erba' mija u tnax-il elf u mija u ħamsa u għoxrin ewro (€ 412,125)

Illi d-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-konsegwenzi :

Illi b'għemilu, l-akkużat Matthew Farrugia sar ħati talli assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta (il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni.

L-akkuża :

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tal-fatti, ċirkostanzi, lok u żminijiet aktar il-fuq imsemmija f'dan l-att t'akkuża, jakkuża lill-imsemmi Matthew Farrugia, ħati talli fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegħ jew jitraffika mediċina f'Malta (il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;

Il-piena mitluba :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Matthew Farrugia, u li jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2,329.37) izda mhux izjed minn mija u sittax–il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin

ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużat.

IT-TIENI KAP

Importazzjoni ta' Cannabis

Il-fatti :-

Illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi ndikati fl-ewwel kap ta' dan l-att ta' akkuża, u cioe' fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, l-akkużat Matthew Farrugia ddeċieda li jimporta klandestinament f'Malta d-droga cannabis, sabiex din tiġi mibjugħa u traffikata f'Malta.

Illi fil-fatt, in eżekuzzjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel sabiex din id-droga tiddaħħal f'Malta, l-akkużat importa d-droga (pjanta cannabis) minn Sqallija għal ġewwa pajjiżna permezz ta' groupage consignment.

Illi b'xorti tajba, nhar l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) saret operazzjoni mill-Iskwadra ta' kontra d-droga fejn ġiet interċettata din id-droga ġewwa tas-Sliema u ġie arrestat l-akkużat Matthew Farrugia kif ukoll persuni oħra (fosthom David Lee Rogers li hekk kif intqal iktar 'il fuq jinsab ukoll akkużat fi proċeduri separati).

Illi minn stħarriġ li sar wara minn espert maħtur mill-Qorti, rriżulta li din id-droga kienet tikkonsisti fl-ammont ta' sittax-il kilo u erba' mija u ħamsa u tmenin gramma (16.485 kg) tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha. Illi l-prezz li din id-droga kienet ġġib fuq is-suq miftuħ kien ta' erba' mija u tnax-il elf u mija u ħamsa u għoxrin ewro (€ 412,125).

Illi li kieku ma kienx għall-intervent f'waqtu tal-Uffiċċjali tal-Pulizija, din id-droga kienet tispiċċa fis-suq Malti.

Illi d-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-akkużat Matthew Farrugia ma kellu ebda permess jew awtorizazzjoni skond il-liġi sabiex ikun jista' jimporta din is-sustanza.

Il-konsegwenzi :-

Illi b'għemilu l-akkużat Matthew Farrugia sar ħati talli mporta, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

L-akkuża :

Ghaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi Matthew Farrugia ħati talli fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruga taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Il-piena mitluba :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Matthew Farrugia, u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) izda mhux izjed

minn mija u sittax–il elf erba’ mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 14, 15, 15A, 20, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta’ Mediċini Perikoluzi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

IT-TIELET KAP

Bejgħ jew traffikar ta’ Cannabi

Il-fatti :-

Illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi ndikati fl-ewwel kap ta’ dan l-att ta’ akkuża, u cioe’ fl-ewwel (1) ta’ Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), u fil-ġimgħat ta’ qabel din id-data, l-akkużat Matthew Farrugia ddeċieda li jibda jmexxi, ibiegħ, jipprokura, iforni u jittraffika fid-droga cannabis f’dawn il-Gżejjer.

Illi fil-fatt, l-akkużat importa d-droga (pjanta cannabis) minn Sqallija għal ġewwa pajjiżna permezz ta’ groupage consigment u dan sabiex din id-droga tiġi traffikata hawn Malta. Illi b’xorti tajba, nhar l-ewwel (1) ta’ Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) saret operazzjoni tal-Iskwadra ta’ kontra d-droga tal-Pulizija fejn ġiet interċettata din id-droga ġewwa tas-Sliema u ġie arrestat l-akkużat Matthew Farrugia kif ukoll persuni oħra (fosthom David Lee Rogers li hekk kif intqal iktar ‘il fuq jinsab ukoll akkużat fi proċeduri separati).

Illi mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rriżulta li wara li l-akkużat Matthew Farrugia importa l-imsemmija droga minn Sqallija, huwa kien ser iforni u jitraffika din id-droga cannabis lil terzi persuni fosthom lil David Lee Rogers. Illi fil-fatt David Lee Rogers ġie ukoll arrestat mill-Pulizija wara li

nhar l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) ġie osservat jagħmel kuntatt mal-akkużat Matthew Farrugia.

Illi minn stħarriġ li sar wara minn espert maħtur mill-Qorti, rriżulta li din id-droga kienet tikkonsisti fl-ammont ta' sittax-il kilo u erba' mija u ħamsa u tmenin gramma (16.485 kg) tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha. Illi l-prezz li din id-droga kienet ġġib fuq is-suq miftuħ kien ta' erba' mija u tnax-il elf u mija u ħamsa u għoxrin ewro (€ 412,125).

Illi d-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtorizżazzjoni maħruġa taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u mir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (L.S.31.18) li tawtorizza lill-akkużat Matthew Farrugia sabiex iforni, jimporta, jesporta, jimmanifattura jew jipprokura id-droga perikoluża msemmija lil terzi.

Il-konsegwenzi :

Illi b'għemilu, l-akkużat Matthew Farrugia sar ħati talli nhar nhar l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, biegħ jew xort'oħra ttraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, liema droga hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-istess Ordinanza.

L-akkuża :

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, jakkuża lill-imsemmi Matthew Farrugia ħati talli nhar l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer, biegħ jew xort'oħra ttraffika fil-pjanta Cannabis kollha jew biċċa

minnha, bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-piena mitluba :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Matthew Farrugia, u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax–il elf erba' mija tmienja u sittin Euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra ta' l-imsemmi Matthew Farrugia, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d)(e), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Medicini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23Ċ u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

IR-RABA' KAP

Pussess aggravat tal-pjanta Cannabis

Il-fatti :-

Illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanzi indikati fil-Kapi preċedenti ta' dan l-att ta' l-akkuża, u ċioè fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, l-akkużat Matthew Farrugia kellu fil-pussess xjenti tiegħu kwantità kbira tal-pjanta cannabis.

Illi hekk kif narrat fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, nhar l-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), saret operazzjoni tal-Iskwadra ta' kontra d-droga tal-Pulizija fejn ġiet interċettata din id-droga ġewwa tas-Sliema u ġie arrestat l-akkużat Matthew Farrugia kif ukoll

persuni oħra (fosthom David Lee Rogers li hekk kif intqal iktar 'il fuq jinsab akkużat fi proċeduri separati).

Illi minn stħarriġ li sar wara minn espert maħtur mill-Qorti, rriżulta li din id-droga kienet tikkonsisti fl-ammont ta' sittax-il kilo u erba' mija u ħamsa u tmenin gramma (16.485 kg) tal-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha. Illi l-prezz li din id-droga kienet ġġib fuq is-suq miftuħ kien ta' erba' mija u tnax-il elf u mija u ħamsa u għoxrin ewro (€ 412,125). Din id-droga ma kinetx intiża minn Matthew Farrugia sabiex jużaha jew jikkonsmaha personalment.

Illi d-droga cannabis hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi l-akkużat ma kienx awtorizzat jew b'xi mod ieħor liċenzjat b'xi liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu.

<u>Il-konsegwenzi :</u>

Illi b'għemilu, l-imsemmi Matthew Farrugia sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

L-akkuża :

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, in bażi għall-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar il-fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi Matthew Farrugia, ħati talli fl-ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha jew biċċa minnha u dan meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-piena mitluba :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Matthew Farrugia, u ili kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329,37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax il-elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468,67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuni hekk misjuba ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d) (e), 9, 10(1), 12, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regoli 2, 4, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292 tal-1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għal-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat FARRUGIA nhar it-28 ta' Diċembru 2022 fejn huwa eċċepixxa s-segwenti:

1. Illi l-eccipjenti qed jikkontesta l-akkuzi mahruga kontra tieghu fl-att tal-akkuza fl-ismijiet premessi fil-mertu u għalhekk il-jury odjern ser ikun wiehed kontestat in kwantu l-esponenti jirritjeni b'qawwa l- innocenza tieghu;

2. Illi l-eccipjenti jikkontendi b'rispett li kull stqarrija minnu rilaxxjata ghandha tigi sfilzata minn l-atti processwali u per konsegwenza ma' ghandha ssir ebda referenza minn ebda xhud ghal dak li kien intqal fl-imsemmija stqarrija 'n kwantu l-istess ma' kienitx rilaxxata skond il- Ligi kif ser ikun espost waqt it-trattazzjoni ta' dawn l-eccezzjonijiet u anke 'n linea ma' gurisprudenza kostanti tul dawn l-ahhar snin meta wiehed jiddibatti talbiet ghal sfilz ta' stqarrijiet rilaxxjati minghajr assitenza kompleta ta' Avukat waqt it-tehid tal-istess stqarrija tul 1- istadju tal-investigazzjoni;

3. Illi għandu jigi dikjarat li Angel Attard, David Lee Rogers u Joseph Borg huma inammissibli bhala xhieda. Illi dawn il-persuni ghandhom kazijiet pendenti relatati direttament ma' dan il-kaz u għalhekk huma ko-akkuzati u jew allegatament ko-awturi fl-akkuzi addebitati lilhom u lill-esponenti. Isegwi għalhekk li sal-mument li jkun se jigi ccelebrat il- jury tal-esponenti wiehed ikun irid jissindika jekk il-kazijiet ta' dawn l- individwi jkunux res judicata jew le. Illi fl-eventwalita li l-kazijiet taghhom ikunu ghadhom pendenti, allura l-esponenti jikkontendi b'rispett li apparti milli x-xhieda infushom ikunu inammissibli ma' tkunx tista ssir ebda referenza ghal ebda verzjoni/evidenza/xhieda li taw dawn il-persuni waqt li jkun qed ikun ccelebrat dan il-jury. Illi ghalhekk sa minn dan l-istadju, dina 1-Onor. Qorti ghandha tipronuncja ruhha fis-sens li kull xhud [presumibilment Pulizija/fizzjali tal-Pulizija] li jkunu se jiehdu l-pedana tax-xhieda, jigu 'mwissija fl- assenza tal-gurati li ma' jkunux jistghu jaghmlu ebda referenza ghal verzjonijiet ta' ko-akkuzati li jkun għad ghandhom il-kaz taghhom pendenti u li ma' jkunux ammissibli bhala xhieda skond il-Ligi;

4. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi skond il-kaz.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għal dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

Ikkunsidrat

Eċċezzjoni preliminari numru wieħed:

Il-Qorti rat li l-ewwel eċċezzjoni preliminari hija dikjarazzjoni ta' l-intent tal-akkużat li jikkontesta l-att tal-akkuża. Għaldaqstant filwaqt li tieħu nota tar-rieda tal-akkużat li jikkontesta l-att tal-akkuża, liema posizzjoni tikkostitwixxi riflessjoni ta' stat ta' fatt, li strettament ma tikkostitwix eċċezzjoni preliminari skont il-Liġi, u li dwarha din il-Qorti ma tista' tgħaddi ebda ġudizzju għajr ħlief tirrispetta d-deċiżjoni tal-akkużat fil-parametri ta' dak li l-proċedura penali tipprevedi f'dan l-istadju u l-istadji suċċessivi, din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Eċċezzjoni preliminari numru tnejn: l-inammissibilita' tal-istqarrija magħmula mingħajr id-dritt għall-assistenza legali preżenti fil-mument tar-rilaxx tal-istess.

1. Illi l-akkużat qiegħed jattakka l-ammissibilita' tal-istqarrija magħmula minnu nhar it-2 ta' Settembru 2014 minħabba li din kienet ġiet irrilaxxjata fi żmien meta l-akkużat FARRUGIA ma kellux aċċess għall-assistenza legali fil-mument tar-rilaxx tal-istqarrija waqt l-interrogazzjoni magħmula mill-Pulizija.

2. Meta l-akkużat irrilaxxja din l-istqarrija l-Liġi viġenti kienet dik li tikkonċedi lis-suspettat id-dritt li jikkonsulta ma' avukat jew prokuratur legali tal-fiduċja tiegħu għal massimu ta' siegħa qabel l-interrogazzjoni tiegħu b'rabta mal-istess reat.

3. Din l-istqarrija ttieħdet ukoll fiż-żmien meta fil-Liġi kienet għadha tapplika r-regola tal-inferenza li kienet tiskatta mal-mument illi l-akkużat jew suspettat ta' reat li jkun għamel użu mid-dritt li jikkonsulta ma' avukat għal massimu ta' siegħa qabel l-interrogazzjoni tiegħu b'rabta mal-istess reat meta imbagħad ikun ibbaża d-difiża tiegħu fil-proċess penali li jkun inġieb kontra tiegħu fuq xi fatt/i li ma jkunx/ikunux issemma'/issemmew minnu fl-interrogazzjoni. Din ir-regola, li kien jipprovdi għaliha l-Artikolu 355AU tal-Kodiċi Kriminali, ġiet abrogata fit-28 ta' Novembru 2016 meta daħal fis-seħħ l-Att LI tas-sena 2016, bl-Avviż Legali 401 tal-2016.

4. Qabel ma l-akkużat irrilaxxja din l-istqarrija jirriżulta, minn dak li jidher f'paġna 15 u 31 tal-atti illi huwa kien ġie mwissi mill-Ispettur Herman Mula fil-preżenza tal-Kuntistabbli 365 Malcolm Griscti li l-akkużat ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq jitkellem, imma dak li kien se jgħid kien jista' jinġieb bi prova.

5. Waħda mill-ewwel mistoqsijiet magħmula lill-akkużat kienet jekk fehemx dik l-istqarrija, u għaliha wieġeb li kien fehemha.

6. Ġie mistoqsi wkoll jikkonferma l-fatt li ma riedx li jieħu l-parir legali qabel l-interrogazzjoni. L-akkużat wieġeb ukoll li kien qiegħed jikkonferma li ma kienx irid jieħu l-parir legali qabel l-interrogazzjoni. Konferma ta' dan imbagħad tinsab f'paġna 31 fejn hemm dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd għall-parir legali u li ġiet iffirmata mill-akkużat, l-Ispettur Mula, l-Ispettur Nikolai Sant u s-Surġent 839 Stephen Micallef. Huwa kien ġie mwissi li kien arrestat in konnessjoni ma investigazzjoni dwar drogi kif ukoll li l-Ispettur Herman Mula kien infurmah li kellu l-jedd u d-dritt, jekk jitlob, li qabel ma ssirlu xi interrogazzjoni huwa jitħalla kemm jista' jkun malajr jikkonsulta privatament ma avukat jew prokuratur legali, wiċċ imbwiċċ jew bit-telefon. L-akkużat iddikjara li kien qiegħed jirrinunzja milli jeżerċita dak id-dritt.

7. L-akkużat irrilaxxja stqarrija dettaljata. Fl-aħħar tal-istqarrija tiegħu, l-akkużat iddikjara li huwa kien għamel dik l-istqarrija volontarjament, mingħajr theddid jew biża, wegħdiet jew twebbil ta' xi vantaġġi. Huwa ddikjara li dik kienet il-verita, u li wara li dik ġiet moqrija lilu mill-Ispettur Mula, l-akkużat żied li ma ried iżid jew inaqqas jew ibiddel xejn minnha. Wara li huwa rrilaxxja l-istqarrija, huwa għażel illi jiffirmaha.

8. Barra minn hekk imbagħad, f'paġna 724 et seq tal-atti jirriżulta wkoll li l-akkużat kien, fit-3 ta' Settembru 2014 għażel li l-istqarrija li kien irrilaxxja l-ġurnata ta' qabel lill-Pulizija, jikkonfermaha bil-ġurament tiegħu quddiem Maġistrat Inkwirenti. F'paġna 729 u 731 jirriżulta li qabel ma l-akkużat ikkonferma l-istqarrija tiegħu bil-ġurament huwa ġie mwissi wkoll mill-Maġistrat (għalkemm il-kontenut ta' din it-twissija ma jirriżultax mill-verbal redatt mill-Maġistrat Inkwirenti). Il-Maġistrat qratlu l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja fil-ġurnata ta' qabel. Wara li qrathielu, l-akkużat ikkonfermaha bil-ġurament tiegħu. Wara li kien ġie muri ritratti ta' Jomic Calleja u ta' wieħed li kien jafu bħala

l-Ingliż iżda li ma kienx jaf ismu u għarafhom minn fuq photo ID, l-akkużat iddikjara li ma kellu xejn iżjed xi jżid.

9. Id-dritt għall-assistenza legali għal massimu ta' siegħa qabel l-interrogazzjoni kien ġie promulgat permezz ta' Att III tal-2002. Iżda dan id-dritt ġie mqiegħed fis-seħħ biss mill-10 ta' Frar 2010.

10. Qabel is-sena 2010, kienet teżisti projbizzjoni sistemika għall-aċċess għall-assistenza legali in kwantu l-Liġi Maltija ma kienetx tipprovdi b'mod espliċitu li suspettat kellu jedd li jikkonsulta ma avukat qabel ma jiġi interrogat.

11. Oriġinarjament, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali kienu jaċċettaw stqarrijiet magħmula minn persuni suspettati bħala provi ammissibbli fi proċedimenti kriminali. Il-linja tal-ħsieb dak iż-żmien kienet li l-Liġi penali Maltija ma kienetx tipprojbixxi lil persuna mill-liberta li tesprimi ruħha u li tagħmel "konfessjoni". F'dan is-sens allura kull ħaġa li suspettat, imputat jew akkużat ikun stqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, setgħet tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li dik il-konfessjoni tkun ġiet magħmula minnu volontarjament u ma tkunx ġiet imġiegħelha jew meħuda b'qerq, b'theddid, jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Anzi anke konfessjonijiet oħra li jkunu saru bil-fomm, kemm qabel kif ukoll wara li tkun ingħatat konfessjoni setgħet tittieħed ukoll bi prova. Biss kwalunkwe tali konfessjoni kienet tagħmel biss prova kontra jew favur min ikun għamilha, u ma setgħetx titqies bħala ta' preġudizzju għal kwalunkwe persuna oħra.

12. Iżda wara li l-QEDB taħt il-Presidenza ta' Nicolas Bratza kienet ħarġet bis-sentenza ċelebri **Salduz vs. Turkey** fis-27 ta' Novembru 2008, bil-mod il-mod, il-Qrati bdew jieħdu posizzjoni legali kemxejn differenti. Bdiet tikkonsolida ruħha posizzjoni li dawk l-istqarrijiet rilaxxjati qabel id-dħul fis-seħħ tal-jedd għal assistenza legali qabel l-interrogatorju ossija dawk l-istqarrijiet rilaxxjati qabel l-10 ta' Frar 2010 - indipendentement minn jekk il-kontenut ta' dawn l-istqarrijiet kienx inkriminanti għas-suspettat jew le – bdew jitqiesu bħala mhux ammissibbli bi prova fi proċedimenti kriminali. Kien hemm uħud minnhom fejn il-kwistjoni tal-volontarjeta kienet dibattuta, mentri oħrajn kienu jikkonċentraw fuq l-element tal-vulnerabilita' tad-dikjarant.

13. Iżda kien hemm sentenzi oħra li kienu jisħqu li n-nuqqas ta' assistenza legali fih innifsu ma kienx biżżejjed biex ikun jista' jingħad li jkun hemm ksur tal-jeddijiet ta' smiegħ xieraq. Anzi dawn il-każijiet kostituzzjonali bħal **Charles Steven Muscat vs. L-Avukat Ġenerali** tat-8 t'Ottubru 2012 jew **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmel Camilleri** tat-22 ta' Frar 2013 saħqu li l-eżami li trid tagħmel il-Qorti ma kienx wieħed biss formali u tara jekk sempliċiment stqarrija ingħatatx fl-assenza ta' assistenza legali, iżda l-Qorti riedet tħares lejn il-proċediment penali b'mod sħiħ biex tkun tista' tasal tikkonkludi jekk ikunx seħħ ksur ta' jedd ta' smiegħ xieraq.

14. Iżda maż-żmien mhux il-Qrati kollha ħadu dik il-linja. Beda jakkwista iżjed art l-argument iżjed formali fis-sens li l-fatt waħdu li tkun teżisti projbizzjoni sistemika għad-dritt tal-assistenza legali per se kien jammonta awtomatikament għal ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq biex b'hekk kwalunkwe stqarrija mogħtija f'dak il-kuntest legali ma kienetx qed titħalla tittieħed bi prova.

15. Per eżempju fl-appell kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ronnie (Ronald) Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) nhar id-29 ta' Mejju 2019, anke jekk fiż-żmien meta ingħatat dik is-sentenza kienu ġew reġistrati żviluppi kruċjali li sejrin jiġu traċċjati iżjed l-isfel, dik il-Qorti kienet ċara li kwantu għal stqarrijiet rilaxxjati qabel l-2010 - u allura fi żmien meta d-dritt għall-assistenza legali kien kompletament ineżistenti (fil-kuntest Malti fis-sens li l-Liġi Maltija kienet siekta dwar dan il-jedd u allura la kien inkluż u l-anqas eskluż) - dik il-Qorti kkonkludiet li ma setgħax ħlief tiskarta l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant meta tigi biex tagħmel l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-provi miġbura f'dak il-każ. Saħqet hekk:

> 53. Illi l-appellant iqanqal f'dan l-istadju l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' valur probatorju tal-istqarrijiet minnu rilaxxjati lill-pulizija a tempo vergine meta kien gie arrestat u interrogat. Jibda biex jinghad illi l-appellant qatt ma ammetta r-responsabbilta` tieghu ghal dan l-event kriminuz u dejjem cahad l-involviment tieghu. Huwa ndubitat madanakollu illi fiz-zmien li kien gie mitkellem mill-pulizija, huwa ma kienx ingħata d-dritt li jikkonsulta ma` avukat tal-għażla tieghu billi l-ligi applikabbli f'dak iz-zmien dan il-jedd kienet tippreKludieh.
>
> 54. Illi l-appellant ghandu ragun f'dan l-ilment minnu imqanqal u dan fid-dawl tal-izviluppi legali kif ukoll ġurisprudenzjali in materja f'dawn l-ahhar snin. Illi sa ftit ilu din il-Qorti (kif diversament komposta) rega` sahqet il-principju ta' dritt illi stqarrija rilaxxjata minghajr il-jedd tal-persuna suspettata

tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha hija leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u kwindi ghandha tigi skarata bhala prova in atti. Illi allura ghalkemm il-gurati fiz-zmien li kien celebrat il-guri inghataw direzzjoni mill-Imhallef sabiex jiehdu kont tat-twegibiet moghtija fl- istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant, madanakollu minn dak iz-zmien il-posizzjoni legali u gurisprudenzjali inbidlet, in linea mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem b'uhud minn dawn id-decizjonijiet sahansitra inghataw fil-konfront ta' Malta:

> "7. Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni tal-istqarrija fil-pre trial stage, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghal xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li persuna arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit- telefon ma' avukat jew prokuratur legali ghal mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghajr skossi ghaliex l- artikolu 355 AU imbaghad holoq id-dritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal- legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-pre trial stage, "tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal- persuna akkuzata jew imputata". Dan kien ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persuna arrestata tghazel li ma tghamilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id- dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok ghal- dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti dakinhar taht il-ligi taghna, kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogatorju u b'hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat kien soggett ghal- mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;
>
> Gara, izda, illi l-Att LI tal-2017 biddel l-Artikolu 355AT u l- Artikoliu 355 AU meta dahal fil-kodici id-dritt tal-assistenza legali kif postulat fid-Direttiva 2013/48 EU. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 401/2016, igifieri ferm wara l-ghoti tal-ewwel sentenza. Tajjeb li jinghad ukoll illi bis-sahha tal-Avviz Legali 102/2017 maghmulha taht il-Kodici Kriminali, kienu introdotti fis-sistema legali taghna ir-Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati; Illi ghalhekk l-evoluzzjoni tad-dritt ta' assistenza legali, kompriz allura l-enuncjazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jista' jkun ekwiparat ma' bdil fil-ligi...'

55. Tenut kont tal-fatt illi l-istqarrijiet esebiti in atti gew rilaxxjati mill-appellant qabel l-2010, u allura fiz-zmien meta d-dritt ghall-assistenza legali kien kompletament inezistenti, din il-Qorti ma tistax hlief tiskarta l-istqarrijiet rilaxxjati mill-appellant meta tigi biex taghmel l-evalwazzjoni mill-gdid tal-provi fl-aggravju lilha devolut marbut mal-apprezzament tal-provi.

16. Din il-posizzjoni kienet issegwi l-linja tal-ħsieb tas-sentenzi tal-QEDB fl-ismijiet **Dayanan vs. Turkey**[1] u **Boz vs. Turkey**[2] kif ukoll

[1] Deċiżjoni tas-Second Section tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem tat-13 t'Ottubru 2009.
[2] Deċiżjoni tas-Second Section tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem 9 ta' Frar 2010.

Borg vs. Malta[3] liema sentenza firxet it-triq għal numru ta' sentenzi oħra mogħtija mill-Qrati Maltin fejn stqarrijiet irrilaxxjati fl-assenza ta' Liġi li tippermetti aċċess għall-assistenza legali sa minn qabel l-interrogazzjoni mill-investigaturi kienet ġiet interpretata bħala li tqis awtomatikament leżiva tad-dritt tas-smiegħ xieraq biex b'hekk kwalunkwe stqarrija hekk rilaxxata mis-suspettat jew akkużat kienet tiġi sfilzata mill-atti. Fil-fatt, il-Qrati Maltin kienu qegħdin ikunu attenti għas-sentenzi li kienu qegħdin jiġu mogħtija mill-QEDB. Il-**Fact Sheet** tal-QEDB stess, imsejħa **Police and Assistence of a Lawyer** pubblikata f'Jannar tal-2020[4] tagħti stampa ċara tal-kriterja u r-raġunijiet fejn u għaliex dik il-Qorti sabet (jew ma sabetx) ksur tal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea b'rabta mal-jedd għall-assistenza legali u l-konsegwenzi f'każ fejn dak il-jedd ma jkunx ġie mogħti f'diversi każijiet li kienu sottomessi lilha. Hekk allura jingħad f'dan il-**Fact Sheet** tas-sentenzi l-iżjed rappreżentattivi mogħtija minn dik il-Qorti fuq dan is-suġġett:

> Article 6 § 3 (c) (right to legal assistance) of the European Convention on Human Rights: "Everyone charged with a criminal offence has the right to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require." "Certainly the primary purpose of Article 6 [of the Convention] as far as criminal matters are concerned is to ensure a fair trial by a tribunal competent to determine any criminal charge, but it does not follow that the Article has no application to pre-trial proceedings." (Imbriosca v. Switzerland, judgment of 24 November 1993, § 36). « [I]n order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" …, Article 6 § 1 [of the Convention] requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6 … The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction." (Salduz v. Turkey, Grand Chamber judgment of 27 November 2008, § 55).
>
> Salduz v. Turkey 27 November 2008 (Grand Chamber)
>
> Charged with, and subsequently convicted of, participation in an unauthorised demonstration in support of the PKK (the Workers' Party of

[3] Deċiżjoni tal-Fourth Section tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem 12 ta' Jannar 2016.
[4] https://www.echr.coe.int/documents/fs_police_arrest_eng.pdf, aċċessat fid-9 ta' Diċembru 2021.

Kurdistan, an illegal organisation), the applicant, in the absence of a lawyer, made a statement while in police custody admitting his guilt. The European Court of Human Rights held that there had been a violation of Article 6 § 3 (c) (right to legal assistance) taken together with Article 6 § 1 (right to a fair trial) of the European Convention on Human Rights. It found that even though the applicant had been able to contest the charges at his trial, the fact that he could not be assisted by a lawyer while in police custody had irretrievably affected his defence rights, especially as he was a minor.

Pishchalnikov v. Russia 24 September 2009

Arrested on suspicion of aggravated robbery, the applicant was interrogated – both on the day of his arrest and immediately on the following day – in the absence of a lawyer, although he had clearly indicated a defence counsel he wanted to represent him. During these interrogations he confessed to having taken part in the activities of a criminal group which included among others a murder and kidnapping, crimes for which he was later convicted. The Court held that there had been a violation of Article 6 § 3 (c) in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention. It found that the lack of legal assistance to the applicant at the initial stages of police questioning had affected irreversibly his defence rights and undermined the possibility of him receiving a fair trial.

Dayanan v. Turkey 13 October 2009

The applicant, who was charged with, and subsequently convicted of, being a Hezbollah member, did not have the assistance of a lawyer while he was in police custody. The Court held that there had been a violation of Article 6 § 3 (c) taken together with 6 § 1 of the Convention. It found that that restriction (which was systematic, as it was prescribed by the relevant provisions of Turkish law) of the right of an individual deprived of his liberty to have access to a lawyer was sufficient for it to be able to conclude that there had been a violation of Article 6 of the Convention, even though the applicant had remained silent while in police custody.

Yeşilkaya v. Turkey 8 December 2009

The applicant was refused access to a lawyer while in police custody, although he had denied any involvement in the offences imputed to him by the interviewing officers. The Court held that there had been a violation of Article 6 § 3 (c) taken together with Article 6 § 1 of the Convention on account of the lack of legal assistance to the applicant while in police custody.

Boz v. Turkey 9 February 2010

Arrested on suspicion of belonging to the PKK (Workers' Party of Kurdistan, an illegal organisation), the applicant was at the end of his trial sentenced to the death penalty for "membership of an armed gang", a sentence which was subsequently commuted to life imprisonment. He complained in

particular of the fact that he did not have access to a lawyer while in police custody. The Court reiterated that systematic restriction of access to a lawyer pursuant to the relevant legal provisions breached Article 6 of the Convention.

Brusco v. France 14 October 2010

The applicant, who was suspected of having masterminded an aggression, was taken into police custody and questioned as a witness, after being made to swear to tell the truth. The Court held that there had been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (right to remain silent and not to incriminate oneself) of the Convention. According to the Court, the applicant was not a mere witness but a person “charged with a criminal offence”, and as such should have had the right to remain silent and not to incriminate himself, guaranteed by Article 6 §§ 1 and 3 of the Convention. The situation was aggravated by the fact that the applicant was not assisted by a lawyer until his 20th hour in police custody. Had a lawyer been present, he would have been able to inform the applicant of his right to remain silent.

Nechiporuk and Yonkalo v. Ukraine 21 April 2011

biss qabel l-interrogazzjoni, xi ħaġa li mhux kontestat li Martino Aiello rrifjuta li jagħmel.

Madanakollu, il-posizzjoni ġurisprudenzjali kurrenti turi li m'għadux il-każ li l-fatt waħdu li l-liġi ma kienitx tippermetti l-assistenza ta' avukat qabel jew waqt l-interrogazzjoni, awtomatikament iwassal sabiex jinstab li kien hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, imma din il-Qorti għandha tqis diversi fatturi qabel tasal għall-konklużjoni tagħha.

Kif diġà ntqal, dan il-każ huwa kemmxejn differenti mill-każ ta' Aldo Pistella in kwantu li Martino Aiello kien fil-fatt irrinunzja għad-dritt tiegħu li jikkonsulta ma' avukat qabel ma ġie interrogat mill-Pulizija u assolutament ma ġiex muri li huwa xtaq li jkollu avukat preżenti waqt l-interogazzjoni jew waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija.

Proprju dwar ir-rinunzja,[18] fil-każ ta' **Paskal vs Ukraine**, tal-15 ta' Settembru 2011, il-Qorti Ewropea qalet hekk:

> "neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial, as long as a waiver of the right is given in an unequivocal manner and was attended by the minimum safeguards commensurate to its importance."

L-akkużat naqas milli juri wkoll li huwa għandu jitqies bħala persuna vulnerabbli. Fil-fatt, meta xehed quddiem din il-Qorti, tista' tgħid li ma semma xejn dwar iċ-ċirkostanzi tal-arrest tiegħu flimkien ma' martu mal wasla tagħhom hawn Malta. Martino Aiello la kien minorenni u lanqas kien ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilità fiż-żmien in kwistjoni. Lanqas jirriżulta xi prova fis-sens li ċ-ċirkostanzi li fihom ittieħdet l-istqarrija kienu għalih intimidanti. L-istqarrija ngħatat volontarjament, mingħajr theddid, wegħdi jew promessi ta' vantaġġi u wara li ngħata d-debita twissija skont il-liġi, u ċioè li ma kienx obbligat jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontrih. Lanqas ma ġie muri li l-akkużat ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi li kien jinsab fihom. Il-Qorti tinnota wkoll illi Martino Aiello ma qajjem l-ebda lment dwar l-istqarrija li kien irrilaxxja qabel ma ġie deċiż il-każ ta' Borg vs Malta imma huwa talab lill-Qorti Kriminali sabiex ikun jista' jressaq eċċezzjoni dwar l-inammissibilità tal-istqarrija biss minħabba dak deċiż mill-Qorti Ewropea fl-imsemmija każ. Imma kif rajna, din il-ġurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal- fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.

[18] Enfasi miżjuda.

Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità tal-prova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għall-preżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija. Finalment, il-Qorti tqis illi huwa indubbjament fl-interess pubbliku li jiġi investigat u imressaq sabiex jiġi ġudikat mill-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali l-akkużat li nqabad in flagrante jittraffika d-droga f'Malta. Għaldaqstant, il-Qorti ssib li l-akkużat Martino Aiello ma rnexxilux juri li tassew ser iġarrab ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq bl-użu fil-ġuri kontra tiegħu tal-istqarrija li rrilaxxja fid-19 ta' Ottubru 2014.

28. Dik is-sentenza ġiet appellata u l-Qorti Kostituzzjonali[19] ċaħdet l-appell ippreżentat minn **Aiello** għaliex irriteniet is-segwenti:

24. L-istqarrija ma ttieħditx bi ksur ta' xi dispożizzjoni ta' liġi u kien ċertament fl-interess pubbliku li każ dwar traffikar ta' droġi f'Malta, ikun investigat u jittieħdu proċeduri kriminali dwaru.

25. M'hemm l-ebda indizju li l-appellant ġie mġiegħel jagħmel dik l-istqarrija. Fl-ebda stadju m'allega xi theddid jew wegħda biex għamilha.

26. Fir-rigward ta' paragrafu (g) m'hemmx dubju li l-prosekuzzjoni trid li dik l- istqarrija tintuża bħala prova importanti tal-ġuri li għad irid isir, u dan b'riferenza għal dak li ġara f'Mejju u Ġunju, 2014 peress li fl-istqarrija Aiello ammetta li kien hemm darbtejn oħra f'dawk ix-xhur meta kien diġa` importa droga f'Malta. Fatt li saret riferenza espressa għalih fl-att tal-akkuża. Għalkemm il-ġuri għadu ma sarx, hu evidenti li dik l-ammissjoni f-listqarrija għandha importanza fil-proċess kriminali tant li saret riferenza għaliha fl-att ta-lakkuża.

27. Inoltre, dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax- xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ.

28.Hu l-imħallef li jagħmel ".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex triegi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu" (Artikolu 465 tal-Kap. 9). Li hu żgur hu li f'dan il-każ l-appellant ingħata l-opportunita' li jitkellem ma' avukat, bit-telefon jew wiċċ imb'wiċċ, iżda irrifjuta. B'dak il-mod l-appellant ċaħħad lilu nnifsu mill-opportunita' li jkollu parir ta' avukat sabiex jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni u sabiex jingħata tagħrif dwar il-vantaġġi u żvantaġġi li jitkellem jew jagħżel is-silenzju waqt l-interrogazzjoni. Dan meta kien jaf li waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assitenza ta' avukat preżenti. Dan apparti li kien infurmat b'mod ċar

[19] Deċiża nhar is-27 ta' Marzu 2020.

bil-jedd li jibqa' sieket u ma jweġibx iżda xorta agħżel li jwieġeb liberament. Madankollu xorta agħżel li jwieġeb għad-domandi li sarulu.'

29. Biex imbagħad, il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Martino Aiello** deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2021, iddeċidiet il-kwistjoni tal-ammissibilita' tal-istqarrija abbażi tal-kriterji enunċjati f'**Beuze** u f'**Farrugia** u stqarret:

12. Illi d-difiża madanakollu xorta waħda għadha qed tinsisti fuq l-eċċezzjoni minnha ventilata dwar l-inammissibilita' ta'l-istqarrija tal-akkużat billi tisħaq illi din il-Qorti ta' kompetenza penali trid tħares lejn il-kwistjoni taħt ottika differenti minn dik tal-Qorti Kostituzzjonali, ukoll għaliex fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma għandux jiġi rimess għal ġudizzju tal-ġurija popolari jekk il-kriterji mfassla fid-deċiżjoni Beuze vs il-Belġju deċiża mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma ġewx osservati. Jisħaq illi għalkemm l-appellat inqabad f'okkażjoni waħda in flagrante jdaħħal id-droga ġewwa Malta, madanakollu fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija huwa jammetti għal żewġ okkażjonijiet oħra ta'importazzjoni liema fatt allura joħroġ biss minn din l-istqarrija u minn ebda prova oħra. Fil-fehma tad-difiża hija din il-Qorti f'dan listadju tal-proċeduri li għandha tara jekk il-kriterji imfassal fid-deċiżjoni Beuze jirriżultaw u jekk humiex ser iwasslu sabiex jivvizjaw listqarrija rilaxxata mill-appellat.

13. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma din il-linja difenzjonali u dan għaliex kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwarl-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, hija prassi adottata mill-ġurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi għalkemm l-appellat jistieden lil din il-Qorti tqies l- ilment minnu ventilat mill-ottika tal-proċess ġudizzjarju penali u mhux minn dak ta' natura kostituzzjonali, madanakollu imbagħad ma jinvoka ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrija, iżda jisħaq unikament illi l-istqarrija hija nieqsa mill-valur probatorju tagħha għaliex meta interrogat huwa ma kellux avukat preżenti miegħu sabiex jassistieh u allura qiegħed issejjes din il-lanjanza fuq leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, kwistjoni li issa ġiet determinat finalment mill-Qorti Kostituzzjonali li sabet li ma kien hemm ebda leżjoni f'dan issens. (...)'

Fl-istess sentenza, fost kunsiderazzjonijiet oħra ġie meqjus li:

'16. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u billi d-difiża qed issejjes l-eċċezzjoni tagħha dwar l-inammissibilita' ta' l-istqarrija ta' l-akkużat mhux fuq xi regola penali tal- evidenza li teskludi dik il-prova, peress li l-istess stqarrija kienet konformi mal-liġi penali viġenti dak iż- żmien, iżda fuq l-allegata leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 talKonvenzjoni Ewropea jekk isir użu minn dik l- istqarrija fil-ġuri, u peress

ukoll illi millpronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali tali lezjoni ma tirriżultax, f'dan l-istadju talproċeduri l-imsemmija prova m'għandhiex tiġi skartata billi mhuwiex nieqes il-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess.'

Sentenza ta' ċertu importanza hija dik mogħtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza 'Bueze vs Belgium'14 fejn għamlet emfazi fuq il-fatt li l-proċeduri iridu jiġu evalwati fl-intier tagħhom sabiex jiġi determinat jekk kien hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq. F'dik is-sentenza ġie meqjus li:

'150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):
(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;
(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion; (e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;
(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;
(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and
(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.'

Fl-istess sentenza ġie kkunsidrat li:

'193. In conclusion, re-emphasising the very strict scrutiny that must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court finds that the criminal proceedings brought against the applicant, when considered as a whole, did not cure the procedural defects occurring at the pre-trial stage, among which the following can be regarded as particularly significant:
(a) The restrictions on the applicant's right of access to a lawyer were particularly extensive. He was questioned while in police custody without having been able to consult with a lawyer beforehand or to secure the presence of a lawyer, and in the course of the subsequent judicial investigation no lawyer attended his interviews or other investigative acts.
(b) In those circumstances, and without having received sufficiently clear prior information as to his right to remain silent, the applicant gave detailed statements while in police custody. He subsequently presented different versions of the facts

and made statements which, even though they were not self-incriminating stricto sensu, substantially affected his position as regards, in particular, the charge of the attempted murder of C.L.
(c) All of the statements in question were admitted in evidence by the Assize Court without conducting an appropriate examination of the circumstances in which the statements had been given, or of the impact of the absence of a lawyer.
(d) While the Court of Cassation examined the admissibility of the prosecution case, also seeking to ascertain whether the right to a fair trial had been respected, it focused on the absence of a lawyer during the period in police custody without assessing the consequences for the applicant's defence rights of the lawyer's absence during his police interviews, examinations by the investigating judge and other acts performed in the course of the subsequent judicial investigation.
(e) The statements given by the applicant played an important role in the indictment and, as regards the count of the attempted murder of C.L., constituted an integral part of the evidence on which the applicant's conviction was based.
(f) In the trial before the Assize Court, the jurors did not receive any directions or guidance as to how the applicant's statements and their evidential value should be assessed.

194. The Court finds it important to emphasise, as it has done in other cases under Article 6 § 1 of the Convention in which an assessment of the overall fairness of the proceedings was at issue, that it is not for the Court to act as a court of fourth instance (see Schatschaschwili, cited above, § 124). In carrying out such an assessment, as required by Article 6 § 1, it must nevertheless carefully look at how the domestic proceedings were conducted, and very strict scrutiny is called for where the restriction on the right of access to a lawyer is not based on any compelling reasons. In the present case, it is the combination of the various abovementioned factors, and not each one taken separately, which rendered the proceedings unfair as a whole. (iv) General conclusion
195. Accordingly, there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention.'

30. Imbagħad, kif ingħad fl-appell kriminali superjuri **Azzopardi** permezz tal-Att LI tas-sena 2016, fost oħrajn, ġie ntrodott wkoll l-Artikolu 355AUA fil-Kodiċi Kriminali, li jifforma parti minn diversi disposizzjonijiet li ġew introdotti taħt is-Sub-titolu IX tat-Titolu I tat-Taqsima I fil-Kodiċi Kriminali li ġiet imfassla fuq id-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt tal-aċċess għall-avukat fi proċeduri kriminali u fi proċeduri tal-mandat ta' arrest Ewropew. Din id-dispożizzjoni tal-Liġi taqra hekk:

(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.
(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:
(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;

(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħraskont is-subartikolu (8)(e);
(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà;
(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.

31. Ġara però li iktar reċenti, u wara l-promulgazzjoni tal-Att LI tal-2016, kien hemm każijiet fejn il-Qorti Kostituzzjonali kienet ħadet pożizzjoni li kienet tidher iżjed konsoni mal-linja ta' ħsieb ġia espressa mill-QEDB f'**Borg vs. Malta** aktar milli f'**Farrugia vs. Malta**. Din id-direzzjoni ħalliet l-influwenza tagħha fuq il-ħsieb tal-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali, b'mod li anke dawn bdew ukoll jaddottaw pożizzjoni iktar formalistika milli sostantiva bħal dawk il-każijiet li mxew fuq il-linji gwida enunċjati mill-QEDB f'**Ibrahim and others**, **Simeonovi,** f'**Beuze** u f'**Farrugia**. F'dan is-sens allura ingħataw sentenzi bħal **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Keith Cremona** deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2022 mill-Qorti Kriminali; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carl Caruana** deċiża nhar deċiża mill-Qorti Kriminali kif preseduta nhar is-6 ta' Diċembru 2022; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andrew Mangion** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Mejju 2022; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-22 ta' Ġunju 2022.

32. Il-ħsieb wara din il-pożizzjoni kostituzzjonali kienet sabiex jiġu evitati lanjanzi dwar ksur sistemiku ta' drittijiet fundamentali tal-akkużat. Fil-fatt il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ta' **Morgan Onuorah vs. l-Avukat tal-Istat** deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2021 qalet hekk:

25. Fl-aħħar aggravju r-rikorrent argumenta dwar ir-rimedji. Isostni li:

"Illi jiġi rilevat illi jekk hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem minħabba kemm l-operat tal-Pulizija Investigattiva u kemm mill-Avukat Generali, awtomatikament il-proċeduri sussegwenti fil-konfront tal-appellanti kienu monki u jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem peress li bdew u bbazati fuq ċirkostanzi leżivi għad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. L-appellant jirrileva illi l-Qorti bħala Sede Kostituzzjonali għandha tiggarantixxi il-korrettezza tal-proċeduri meħuda u s-sentenza infushom fis-sens illi għandhom jiġu garantiti l-ħarsien ta' ċertu prinċipji proċedurali li huma indispensabbli għall-amministrazzjoni tajba tal- ġustizzja".

26. Kif diġa` issemma, il-fatt waħdu li saret l-interrogazzjoni mhux fil-presenza ta' avukat ta' fiduċja tal-attur m'huwiex biżżejjed sabiex jagħti lok għall-ksur tad-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq. Madankollu l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali, li fiha l-attur ammetta għal uħud mir-reati li akkużat biha, taf twassal sabiex iseħħ dak il-ksur tal-jedd fundamentali. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ġurisprudenza ampja tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li issa ilha s-snin tirrepeti l- istess insenjament. Li s-suspettat jitkellem ma' avukat qabel l-interrogazzjoni, l- assistenza ta' avukat wara li tkun saret l-interrogazzjoni u n-natura adversarial tal-kawża kriminali sussegwenti, m'humiex garanzija adegwata li jirrimedjaw għad-difett li s-suspett ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni li saret meta kien taħt arrest. Fis-sentenza riċenti Mehmet Zeki Celebi v. Turkey (App. 27583/07) il-QEDB kompliet tisħaq: "57. The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to legal advice. The Court also reiterates that it is only in very exceptional circumstances that it can conclude that a given trial has not been prejudiced by the restriction of an applicant's right of access to a lawyer (see Dimitar Mitev v. Bulgaria, no. 34779/08, 71, 8 March 2018)".

28. Irrispettivament taqbilx mar-raġunament ta' dik il-Qorti internazzjonali, jibqa' l-fatt li l-ġurisprudenza kienet ċara meta ngħatat is- sentenza ta' Salduz f'Novembru 2008 fis-sens li n-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt interrogazzjoni tal-pulizija kienet difett proċedurali. Dan għalkemm bis-sentenza Ibrahim and Others v. the United Kingdom tat- 13 ta' Settembru 2016, il-Grand Chamber għamlet enfażi fuq l-'overall fairness' tal-proċeduri kriminali u fis-sentenza Beuze v. Belgium l-istess qorti kompliet tiċċara kif kellu jiġi applikat dak il- prinċipju.

29. Fl-aħħar mill-aħħar il-qrati domestiċi ma jistgħux jippermettu li f'proċeduri kriminali li għadhom pendenti jitħallew stqarrijiet li jkunu saru fl-assenza ta' avukat u li l-QEDB ilha tiddeskrivih bħala difett proċedurali bil-periklu manifest li dak il-fatt jikkontamina l-proċess kriminali kollu.'

'30. Kien id-dmir tal-Gvernijiet differenti matul is-snin li jaġġornaw ruħhom mas-sentenzi tal-Qorti Ewropea u ma jistennewx sal-2016 sabiex jintroduċu disposizzjoni fil-Kodiċi Kriminali li s-suspettat għandu jedd għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni li ssir meta jkun fil- kustodja tal-pulizija. Emenda li saret sabiex tittrasponi d-disposizzjoni tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew (ara Art. 355AT tal- Kodiċi Kriminali), li fost miżuri oħra assigurat iddritt tas-suspettat għall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni mill-pulizija. Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell, b'dan li tagħti direzzjoni lill-Qorti Kriminali sabiex fil-proċeduri kriminali The Republic of Malta v. Izuchukwu Morgan Onourah (att ta' akkuża numru 11/2015) tippermettix l-użu bħala prova tal-istqarrija li l-appellant kien ta waqt li kien fil-kustodja tal- pulizija.

33. Linja simili ttieħdet mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **The Police vs. Alexander Hickey** deċiża fl-istess ġurnata u **Clive Dimech vs. Avukat Ġenerali**.[20] Ukoll, fi **Christopher Bartolo vs. Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**[21] u sussegwentement fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat**[22] il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet is-segwenti b'rabta ma' dawk l-istqarrijiet li l-ewwel kien irrilaxxja lill-Pulizija u sussegwentement dawk li huwa kien ikkonferma quddiem il-Maġistrat Inkwirenti taħt ġurament.

34. Fil-każ **Bartolo vs. Avukat Ġenerali et** il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalet hekk:

> 34. Fis-sentenza moghtija fis-27 ta' Novembru, 2017 fl-ismijiet Gordi Felice v. Avukat Generali13 din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti ghall-kaz odjern:
>
> > "59. Fil-kaz tallum, bhal fil-kaz ta' Dimech14, il-proceduri ghadhom ma ntemmux. Il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Dimech, kienet qalet illi trid tqis ilproċess fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq, u għalhekk, fejn il-proċess kriminali, bħal fil-każ tallum, għadu għaddej, trid tistenna li jintemm il-proċess biex tqisu fl-intier tiegħu biex tara kienx hemm smigħ xieraq. L-istess ħaġa qalet fis-sentenza aktar riċenti mogħtija fil-5 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet Tyrone Fenech et v. Malta, fejn iċ-ċirkostanzi kienu jixbhu dawk tal-każ tallum.
> > "................................... omissis ....
> > "60. L-argument tal-Avukat Ġenerali huwa għalhekk loġiku u raġonevoli, u l-qorti taqbel illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said15, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-attur ukoll jekk, kif josserva l-Avukat Ġenerali, ma jidher li hemm xejn komprometttenti għall-attur fiha. Il-qorti tasal għal din il-konklużjoni fid-dawl tal-posizzjoni x'aktarx estrema li ħadet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Borg li xejn ma qieset jekk nuqqas ta' avukat jistax fiċ-ċirkostanzi jkun biss nuqqas formali li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attur.
> >
> > Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa xieraq illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali sabiex, meta l-process kriminali jintemm, ma jkunx tnigges b'irregolarita` li tista' twassal ghall-konsegwenti bhal dawk fil-kaz ta' Borg."
>
> 35. Fil-kaz odjern jirrizulta car li fl-istqarrijiet tieghu r-rikorrent, minkejja li qabel ma irrilaxxja l-ewwel stqarrija, l-avukat tieghu kien tah il-parir li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda iddecieda li jirrispondi ghad-domandi waqt l-interrogazzjoni, bir-rizutlat li stqarr certu fatti inkriminanti ghalih in kwantu ammetta li kien jixtri l-blokkok tal-cannabis, kemm ghall-konsum personali tieghu kif ukoll sabiex ibiegh lil terzi. Fil-fatt stqarr li kien ibiegh minnha lill-barranin li kienu Ghawdex. B'dan il-mod huwa kien ammetta li kien jittraffika dik id-droga. L-istess ammissjoni kienet giet

[20] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Lulju, 2020)
[21] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 t'Ottubru 2018.
[22] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 t'April 2022.

ripetuta fit-tieni stqarrija fejn ir-rikorrent amplifika wkoll dwar minn ghand min kien jixtri d-droga.

36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt filproceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu lkontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan irrigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process talproceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom millQorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat filkwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.

37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur taddritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan iddritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.

38. Ghaldaqstant f'dan is-sens il-parti tal-aggravju hija fondata u qed tigi milqugha fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

35. Sussegwentement, f'**Bartolo vs. Avukat tal-Istat,** il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza tagħha datata 22 ta' Ġunju 2021 kienet stqarret hekk:

74. Daqshekk huwa importanti li stqarrija tittieħed bil-garanziji kollha li jħarsu d-drittijiet ta' min ikun qiegħed jirrilaxxja għaliex l-ammissjoni hija wara kollox ir-regina. Di fatti Karen Reid fil-ktieb 'A practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights' (Tielet Edizzjoni) f'paġna 70: "While the conformity of a trial with the requirements of Article 6 must be assessed on the basis of the trial as a whole, a particular incident may assume such importance as to constitute a decisive factor in the general appraisal of the trial overall." Iġifieri, prova waħda ottenuta kontra l-liġi, tista' waħedha tikkontamina l-proċess kollu. Ghaldaqstant il-Qorti kkonkludiet bis-segwenti:

79. Il-Qorti qed tipprova tirrinkonċilja l-fatt, fid-dawl ta' dak li ddeċidiet il-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018. Dik il-Qorti ordnat, li biex ma jseħħx ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ma jsirx aktar użu fil-proċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent. Fid-dawl ta' din l-ordni, din il-Qorti ma tistax tifhem b'liema tiġbid tal-immaginazzjoni tista' tasal għall-konklużjoni li l-konferma bil-ġurament ta' dawk l-istqarrijiet quddiem il-Maġistrat ma

għandhomx ukoll ikunu mwarrbin. Kważi kwazi dan għandu xebħ mal-każ fejn dokument oriġinali jitwarrab iżda mhux il-kopja tiegħu. Il-konferma bil-ġurament hija unikament imsejsa fuq l-istqarrijiet u kwalunkwe ammissjoni kienet ukoll b'konsegwenza tal-istess.

36. Imbagħad il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza mogħtija minnha f'din l-istess kawża fuq appell li kien sar mill-Avukat tal-Istat kienet allura rriteniet illi:

27. Illi, qabel ma l-Qorti tgħaddi 'l quddiem u wkoll fid-dawl ta' dak li lappellant qal dwar it-tieni aggravju tiegħu (li għadu kemm intlaqa'), jidhrilha xieraq li tgħid li jekk inhu minnu li l-ammissjonijiet ripetuti li lappellat għamel qabel ma fetaħ l-ewwel kawża kostituzzjonali tiegħu ma kinux imġiegħla, dan xorta waħda jaf jolqot dak li ġara bl-għoti tassentenza tas-27 ta' April, 2017, mill-Qorti Kriminali. Dik is-sentenza ngħatat wara li l-appellat kien ressaq l-ewwel kawża kostituzzjonali tiegħu, imma qabel ma ngħatat is-sentenza tal-ewwel Qorti fl-imsemmija kawża kostituzzjonali. Meta ngħatat is-sentenza ta' din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2018, il-każ kriminali kontra l-appellat kien fl-istadju tas-smigħ tal-appell tiegħu mis-sentenza tal-2017, quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif għadu sallum. Ladarba bis-sentenza tal-5 ta' Ottubru, 2018, fl-ewwel kawża kostituzzjonali, din il-Qorti ordnat "li ma jsirx aktar użu filproċeduri kriminali miż-żewġ stqarrijiet rilaxati mir-rikorrent", hekk ukoll m'għandux isir użu mill-istqarrija maħlufa li l-appellat għamel quddiem ilMaġistrat Inkwirenti (ladarba l-appell tal-Avukat tal-Istat f'dan ir-rigward mhux qed jintlaqa');

28. Illi kif qalet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2018, huwa ċar li l-istqarrijiet li ta l-appellat lill-Pulizija se jkollhom u kellhom impatt fil-proċeduri kriminali u l-eżitu tagħhom27. Mela dak li jgħodd għallimsemmija stqarrijiet u l-użu li seta' jsir minnhom f'dawk il-proċeduri, issa, bis-saħħa ta' dak li qiegħed ikun deċiż f'din is-sentenza, jgħodd ukoll għall-istqarrija maħlufa mill-appellat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Ukoll jekk l-imsemmi mpatt ma jolqotx l-ammissjonijiet li huwa għamel u tenna fuq medda ta' żmien matul il-proċeduri msemmija sa ma nħareġ lAtt tal-Akkuża (bit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392B(1) u (4) tal-Kodiċi Kriminali), il-fatt li seta' jsir użu mill-istqarrija maħlufa kien jaf joħloq ħsara lill-appellat. Kemm hu hekk, joħroġ ċar minn qari mqar ħafif tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-27 ta' April, 2017, li ħafna mill-kunsiderazzjonijiet magħmulin minn dik il-Qorti hija u tkejjel il-piena li kellha tagħti lill-appellat akkużat, kienu jsemmu l-imsemmija stqarrijiet u dak li jingħad fihom;

----

27 Ara §§ 36 – 7 tal-imsemmija sentenza Rik. Kost. 255/20/3

29. Illi għalhekk din il-Qorti tqis li, ladarba b'din is-sentenza se tagħti r-rimedju li lanqas ma jmissu jsir użu aktar tal-istqarrija maħlufa mirrikorrent appellat quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, hekk ukoll għandha tagħti rimedju għat-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali safejn jirrigwardaw il-

kunsiderazzjonijiet li saru fiha dwar dak li l-akkużat stqarr qabel ma irreġistra għal aktar minn darba l-ammissjoni tiegħu għall-akkużi mressqa. Ladarba ngħad li hemm provi oħrajn li fuqhom il-Qorti Kriminali tista' tikkalibra l-piena li għandha tingħata lill-appellat, ikun xieraq u konformi ma' dak deċiż minn din il-Qorti (kemm fis-sentenza talewwel kawża kostituzzjonali u kif ukoll f'din) li dak il-kejl isir fuq is-saħħa tal-provi l-oħrajn imsemmija, bla ma b'hekk jittiefes il-jedd tal-appellat għal smigħ xieraq minħabba l-istqarrijiet li huwa ta.

37. Fuq din il-linja ta' ħsieb allura ingħataw sentenzi mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andrew Mangion,**[23] ġie ritenut:

Illi għalkemm, kif ingħad, l-imsemmija prova mhijiex nieqsa mill-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola ta' dritt penali li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess, u ġaladarba ukoll il-proċess ġudizzjarju fl-intier tiegħu għadu ma seħħx, biex b'hekk lanqas jista' jiġi stabbilit f'dan l-istadju bikri jekk kienx hemm xi vjolazzjoni tal-persuna akkużata taddrittijiet kostituzzjonali tagħha, madanakollu l-Qorti ma tistax ma timxiex maddirezzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali billi jidher li din hija waħda kostanti, għalkemm, kif ingħad, il-proċess ġudizzjarju għadu ma wasalx fit-tmiem tiegħu. Intqal hekk fl-aktar deċiżjoni reċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali[24] : -

> 11. Illi dan ifisser ukoll li għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li lproċess kontrih għadu mhux mitmum), x'aktarx iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha. .....
>
> 15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu ta' bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq. F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu. ...

Iżda finalment imbagħad ġie hekk deċiż:

---

[23] Deċiża 22 ta' Ġunju 2022 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)
[24] Hawnhekk il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qegħda tirreferi għall-kawża deċiża ftit jiem qabel fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat**, deċiża fis-26 t'April 2022, imsemmija iżjed il-fuq.

> Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li l-appellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, imma sewwasew biex jitneħħa l-biżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak;

> 20. Illi l-Qorti allura trid neċessarjament timxi mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali, u dan għalkemm f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jistax jingħad illi l-prova magħmula permezz tal-istqarrija tal-akkużat hija mittiefsa minn xi difett proċedurali li jirrendieha inammissibbli, kif tajjeb tikkonkludi l-Qorti Kriminali. Dan qed isir ukoll bil-għan li jkun hemm trattament ugwali bejn il-persuni kollha li jersqu quddiem il-qrati penali sabiex ikunu ġġudikati dwar reati allegatament minnhom kommessi u wkoll sabiex ikunu evitati proċeduri ulterjuri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bil-proċess ġudizzjarju jitwal inutilment.

38. Imma jirriżulta li l-ħsieb tal-Qorti Kostituzzjonali kompla jevolvi bl-iżjed pronunzjament riċenti li kien mogħti minn dik il-Qorti fuq din il-materja kien fil-31 ta' Mejju 2023 fl-appell fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs. L-Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija** fejn ġie mistqarr hekk:

> 10. Il-Qorti tagħraf li kemm fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti u kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, il-fatt waħdu li s-suspettat ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma jfissirx awtomatikament li l-użu ta' dik l-istqarrija fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu illeda, jew x'aktarx ser jilledi, id-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. Dan fil-fatt jaċċettah l-attur stess.

> 11. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li l-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien relevanti ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Dak iż-żmien però l-liġi kienet tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat. Il-Qorti tosserva wkoll li l-attur kellu d-dritt li ma jirrispondix għad-domandi magħmula lilu waqt l-interrogazzjoni. Inoltre, waqt il-proċeduri kriminali l-attur kellu d-dritt li jikkontesta l-ammissibilità tal-istqarrija, oltre li seta' jikkontesta l-kontenut tagħha permezz ta' kull prova li kien iħoss li kienet relevanti, u fil-fatt jirriżulta li l-proċeduri kriminali ilhom fi stadju ta' provi tad-difiża għal żmien sostanzjali. Apparti minn hekk, l-appellant kellu kull dritt li jixhed u jagħti verżjoni differenti quddiem il-Qorti, dritt li jirriżulta li għamel użu estensiv minnu, tant illi d-depożizzjoni tiegħu ġiet maqsuma fuq żewġ seduti.

> 12. Dwar il-vulnerabbilità o meno tal-attur, il-Qorti tosserva li minkejja li l-appellant xehed quddiem l-Ewwel Qorti li ma kienx jiftakar jekk qattx kien għadda minn xi proċeduri kriminali oħrajn barra dawk mertu ta' dawn il-

proċeduri, mis-sistema elettronika tal-Qorti jirriżulta li l-appellant kien involut f'diversi proċeduri kriminali, inkluż proċeduri li bdew kontra tiegħu fl-1996 u li fihom kien instab ħati u ġie kkundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin flimkien ma' interdizzjoni ġenerali u interdizzjoni milli jservi bħala xhud ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja għal żmien ta' ħames snin. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet li din ma kinitx l-ewwel darba li l-appellant xellef difrejh mal-ġustizzja. Inoltre, għalkemm l-appellant isemmi li huwa kien jieħu ċertu medikazzjoni biex jikkontrolla z-zokkor, u li mingħajr din il-medikazzjoni u ikel kien iħossu dgħajjef, il-Qorti tosserva li mill-atti li ġew preżentati ma jirriżultax li l-appellant kien informa lill-Pulizija li huwa kellu bżonn jieħu xi medikazzjoni u fil-fatt fil-formola li timtela mill-uffiċjal ta' detenzjoni ġie mmarkat li l-appellant ma kien taħt l-ebda kura. F'dan ir-rigward relevanti wkoll li mix-xhieda jirriżulta illi li kieku l-appellant ma kellux il-medikazzjoni meħtieġa miegħu u lanqas il-preskrizzjoni għaliha, il-prassi kienet illi jittieħed il-poliklinika sabiex tkun tista' tinħareġ preskrizzjoni minn tabib biex b'hekk is-suspettat ikun jista' jingħata l-medikazzjoni li jkun jeħtieġ. Għalhekk jidher li jekk l-appellant baqa' nieqes minn xi medikazzjoni dan kien biss għaliex naqas milli jinforma lill-pulizija meta ġie mistoqsi. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, flimkien mal-fatt li fiż-żmien relevanti l-attur kellu aktar minn ħamsin sena u li kien effettivament ikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu qabel ma ġie interrogat, il-Qorti tqis li ma jirriżulta l-ebda element ta' vulnerabbilità.

13. Din il-Qorti reġgħet għarblet sew il-pozizzjoni tagħha fuq din it-tema ta' intempestività tal-ilment kostituzzjonali. Tagħmel riferenza għaż-żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem, **Martin Dimech v. Malta** tat-2 ta' April 2015 u **Tyrone Fenech et v.** Malta tal-5 ta' Jannar 2016, dwar ilmenti li jixxiebħu ħafna għal dawk tal-lum dwar it-tehid ta' stqarrija mingħajr konsultazzjoni minn qabel ma' avukat, għalkemm f'dan il-każ il-konsultazzjoni kienet waħda limitata.

14. F'dawk is-sentenzi l-ilment tas-smigħ xieraq tressaq meta l-proċeduri kriminali kienu għadhom pendenti. Billi l-proċeduri kriminali kienu għadhom mexjin, il-Qorti Ewropea saħqet li kien kmieni biex jiġi deċiż jekk kienx hemm smigħ xieraq jew le. Fi kliem il-Qorti Ewropea:
"applications concerning the same subject matter as that at issue in the present case were rejected as premature when the criminal proceedings were still pending (see, **Kesik v. Turkey**, (dec.), no. 18376/09, 24 August 2010 and **Simons v. Belgium** (dec.), no. 71407/10, 28 August 2012) and, where the applicant had ultimately been acquitted, the complaint was rejected on the ground that the applicant had no victim status (see **Bouglame v. Belgium** (dec.), no. 16147/08, 2 March 2010). The Court finds no reason to deem otherwise in the present case. Without prejudice to the applicant's possibility of bringing new proceedings before this Court in the event of a conviction by the domestic courts, as matters stand to date, given that the criminal proceedings against the applicant are currently pending before the domestic courts, the Court finds this complaint to be premature. Consequently, this part of the application must be rejected,

pursuant to Article 35 I and 4 of the Convention, for non-exhaustion of domestic remedies"

15. Essenzjalment din id-difiża hija msejsa fuq il-premessa illi allegazzjoni ta' nuqqas smigħ xieraq teħtieg li l-proċess li minnu jkun qed isir l-ilment jiġi eżaminat fit-totalita tiegħu u mhux jiġi maqsum u jsir enfasi fuq inċident wieħed partikolari.

16. Naturalment ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mitmum, għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi l-appellant ser jiġi żvantaġġjat. Huwa ċertament barra minn loku illi l-ilment de quo agitur jiġu diskussi f'dan l-istadju in vacuo. Il-Qorti Kriminali għadha trid tevalwa l-istqarrijiet li saru u jekk saru jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smigħ xieraq minħabba l-mod kif ittieħdu tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jvarjaw minn każ għall-ieħor. Hemmx leżjoni tad-dritt għalhekk ser jiddependi mill-mod kif il-Qorti Kriminali tkun trattat l-istqarrijiet u l-piż mogħtija lilhom fl-assjem tal-provi kollha. Għal dak li jiswa jista' jkun il-każ li l-Qorti Kriminali fl-aħħar mill-aħħar ma ssibux ħati u għalhekk ħafna mill-preokupazzjonijiet tiegħu dwar l-istqarrijiet jisfaw fix-xejn. Dan biex ma jingħadx ukoll li anke wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali hemm il-possibbilità li jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, li ghandha s-setgħa li ddawwar l-affarijiet. Jiġi b'hekk, li l-ilment jekk seħħx virtwalment xi ksur ta' drittijiet fundamentali f'dan l-istadju huwa għal kollox prematur.

17. L-appellant ma jistax jagħmilha bħala fatta li huwa mhuwiex sejjer ikollu smigħ xieraq minħabba l-mod ta' kif ittieħdet l-istqarrija tiegħu. Ladarba l-proċeduri kriminali għadhom mexjin, allura huwa jgawdi mill-preżunzjoni tal-innoċenza. Tassew il-prosekuzzjoni għad trid tipprova l-akkuzi tagħha kontra tiegħu u l-istess akkużat għad għandu kull opportunità li jiddefendi lilu nnifsu.

18. Għalhekk il-fatt waħdu li saru stqarrijiet ma ssostnix l-ilment ta' ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq għaliex din waħidha mhijiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.

19. Il-Qorti tirreferi hawnhekk l-aktar sentenzi riċenti fuq is-suġġett, viz. Beuze v**. Il-Belġju** deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza **Carmel Joseph Farrugia v.** Malta deċiża mill-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019.

20. Dawn iż-żewġ sentenzi ħolqu numru ta' kriterji mhux tassattivi li wieħed għandu jqis biex jara jekk in-nuqqas ta' assistenza legali fl-istadju tat-teħid tal-istqarrija jwassalx għall-ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq. Dawn il-kriterji jistgħu jiġu determinati biss wara li jintemm il-proċess kriminali.

21. Hija għalhekk il-fehma meqjusa ta' din il-Qorti meta jittieħed kont ta' kif il-Qorti Ewropea issa qed tindirizza l-kwistjoni mhuwiex floku li l-Qrati Kostituzzjonali joqogħdu jindaħlu f'temi li jmissu mas-siwi tal-evidenza.

Bħalma sewwa qalet il-Qorti Ewropea fil-każ **Carmel Camilleri v.** Malta deċiż fis-16 ta' Marzu 2000 li kienet dwar is-siwi ta' stqarrija mogħtija minn terzi:

«The Court reiterates that the admissibility of evidence is primarily a matter for regulation by national law and as a general rule it is for the national courts to assess the evidence before them. The Court's task under the Convention is not to give a ruling as to whether statements of witnesses were properly admitted as evidence, but rather to ascertain whether the proceedings as a whole, including the way in which evidence was taken, were fair (see the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-11, p. 470, S 67; the Edwards v. the United Kingdom judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, pp. 34-35, 34). Furthermore, the Court cannot hold in the abstract that evidence given by a witness in open court and on oath should always be relied on in preference to other statements made by the same witness in the course of criminal proceedings, not even when the two are in conflict (see the above-mentioned Doorson judgment, p. 472, §78) »

22. L-għaqal li din il-Qorti tieħu din id-deċiżjoni dwar l-ilqugħ tal-eċċezzjoni tal-intempestività, jinsab imsaħħaħ ukoll minn dak li ġara fl-aħħar sentenza **Roderick Castillo v. Avukat Generali** et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju 2020. F'din is-sentenza ġara li waqt li kienu mexjin il-proċeduri kostituzzjonali, ġew mitmuma l-proċeduri kriminali u Roderick Castillo gie meħlus mill-akkużi miġjuba kontrih. Minħabba din il-ġrajja, il-Qorti Kostituzzjonali qalet li:

"Bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali l-appellat ing*ħ*ata rimedju definittiv u effettiv. B'hekk minkejja dak li *ġ*ara fl-istadju meta l-appellat tal-istqarrija, xorta 'on the whole' kellu smig*ħ* xieraq b'dak li *ġ*ara fl-istadju tal-appell"

23. Għalhekk l-aggravju qed jiġi miċħud.

39. Fl-istess jum, fil-31 ta' Mejju 2023 ingħatat ukoll is-sentenza **Jean Marc Dalli vs. Kummissarju tal-Pulizija, Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat** mill-istess Qorti Kostituzzjonali fejn ġie ribadit:

Konsiderazzjonijiet

10. Il-ġurisprudenza hi ċara li l-fatt li persuna suspettata li kkommettiet reat tagħmel stqarrija mingħajr l-assistenza ta' avukat ma jwassalx bilfors għal ksur fil-jedd fundamentali għal smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li jittieħdu kontra dik il-persuna.1

11. F'sentenza riċenti2 tal-QEDB, Lalik v. Poland (Application no. 47834/19) ġie mtenni:

"64. The Court reiterates that it is necessary to view the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves (Ibrahim and Others, cited above, §§ 250-51). In consequence, despite the fact that the applicant did not explicitly cite Article 6 § 1, the Court will examine whether the proceedings as a whole were fair, considering that the need for such an examination derives from the well-established case law on that matter (see Beuze, cited above, §§ 147-48). The onus will be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the trial was not irretrievably prejudiced by the fact that the applicant was not properly informed of his rights (see, mutatis mutandis, Ibrahim and Others, cited above, § 265).
65. The Convention is intended to guarantee rights that are practical and effective and not theoretical and illusory. In this context, the Court recalls that Article 6 § 3 (c) of the Convention must be interpreted as safeguarding the right of persons charged with an offence to be informed immediately of their defence rights, irrespective of their age or specific situation and regardless of whether they are represented by an officially assigned lawyer or a lawyer of their own choosing (see Beuze, cited above, § 129).
66. In its analysis of the overall fairness of the proceedings, the Court will examine, to the extent that they are relevant in the present case, the various factors deriving from its case-law as set out in the Beuze judgment (cited above, § 150*)."*

----
1 Beuze v. il-Belġju (71409/2010) tad-9 ta' Novembru 2018 u Stephens v. Malta (35989/14) tal-14 ta' Ottubru 2020
2 11 ta' Mejju 2023

12. Għalhekk il-Qorti trid tistħarreġ l-overall fairness skont il-varji kriterji (mhux tassattivi) li jissemmew fis-sentenzi Beuze v. Il-Belġju deċiża mill-Grand Chamber fid-9 ta' Novembru 2018 u s-sentenza Carmel Joseph Farrugia v. Malta deċiża mill-QEDB fl-4 ta' Ġunju 2019. Fl-eżerċizzju jispetta lill-intimat li iressaq prova li l-fatt li r-rikorrent ma kellux il-possibilità li jkun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni ma ppreġudikax irrimedjabbilment il-każ tiegħu.

13. Il-liġi kif kienet viġenti fiż-żmien meta r-rikorrent odjern ta l-istqarrija tiegħu, ma kinitx tippermetti li s-suspettat jiġi assistit minn avukat waqt li jkun qed jiġi interrogat mill-pulizija. Kienet madanakollu tippermetti li s-suspettat jikkonsulta privatament ma' avukat, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal żmien ta' siegħa, qabel ma jiġi interrogat.
14. Hu fatt li meta r-rikorrent ta l-istqarrija lill-pulizija kien għadu ser jagħlaq dsatax-il sena u ma jirriżultax li kellu xi esperjenzi preċedenti simili mal-pulizija jew il-qrati.

15. Min-naħa l-oħra jirriżulta li qabel ta l-istqarrija r-rikorrent tkellem ma' avukat ta' fiduċja tiegħu, kif kellu jedd li jagħmel.

16. Ir-rikorrent ingħata wkoll twissija ċara li kellu dritt li ma jweġibx għad-domandi, u dak li jgħid kien ser jitniżżel bil-miktub u jista' jinġieb bi prova. Saħansitra kien ikkonferma l-istess stqarrija quddiem il-Maġistrat Inkwirenti wara li qal li *".... jiena tkellimt ma' avukat u kien għ*alhekk li rrilaxxajt din l-*istqarrija"*.

17. Minn meta tressaq il-qorti dejjem kien assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu u tul il-proċess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) altru milli kellu kull opportunità li jikkontesta l-awtentiċità ta' dak li hemm miktub li qal lill-pulizija u lill-Maġistrat Inkwirenti.

18. Kontra r-rikorrent tressqu provi oħra. Tant hu hekk li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali straħet fuq provi oħra tal-prosekuzzjoni (PS 1220 u r-rapport tal-espert Godwin Sammut)
sabiex sabet ħtija. Fil-fatt dik il-Qorti ddeskriviet id-deposizzjoni ta' PS 1220 Chris Baldacchino bħala l-prova prinċipali. Fis-sentenza l-Qorti għamlitha ċara li l-istqarrija tal-imputat ma kinitx *".... dik il-*prova eskussiva jew determinanti li fuqha qiegħ*da* tistrieħ il-ħtija tal-*imputat"*. Saħansitra dik il-Qorti kkunsidrat ukoll il-ġurisprudenza tal-QEDB u tal-qrati Maltin f'każijiet dwar stqarrijiet li jittieħdu fi stadju qabel is-suspettat jitressaq il-qorti u mis-sentenza hu evidenti li ma qisitx l-istqarrija u xhieda quddiem il-Maġistrat Inkwirenti bħala l-provi determinati sabiex sabitu ħati ta' traffikar u pussess ta' ecstasy bejn it-8 u 9 ta' Settembru 2013.

19. Kien biss fit-trattazzjoni li r-rikorrent argumenta li l-istqarrija u x-xhieda li ta quddiem il-Maġistrat, ma tistax tintuża għaliex ma kienx preżenti avukat ta' fiduċja tiegħu. Dan kien tmien snin wara li tressaq il-qorti.

20. Waqt is-smigħ tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ir-rikorrent lanqas ma rtira l-istqarrija jew biddel dak li qal lill-pulizija. Saħansitra kkonfermaha bil-ġurament quddiem Maġistrat Inkwirenti, persuna indipendenti mill-pulizija, u tenna li kien għamel l-istqarrija b'mod volontarju wara li ngħata twissija u tkellem ma' avukat.

21. Saħansitra, fis-seduta tat-22 ta' Frar 2017 l-avukat li ddefendih iddikjara li l-imputat, *".... qed jeż*enta lill-*prosekuzzjoni milli ttella' bħ*ala xhud tal-volontarjeta tal-istqarrija tal-imputat u tal-identita tiegħu lil PS 168 Stephen *Monreal"*.

22. Saħansitra r-rikorrent ħa benefiċċju mill-fatt li kien ikkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni, għaliex dan ġie rifless fil-piena (ara dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bit-titlu *"konsiderazzjonijiet dwar il-piena"*).3

23. Inoltre, ir-rikorrent għad għandu appell pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, fejn ġudikant ieħor ser jistħarreġ l-ilmenti kollha tiegħu u

jagħmel l-apprezzament tal-provi mill-ġdid biex finalment jiddetermina jekk humiex ġustifikati.

24. Sal-lum l-unika ċertezza hi li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Jannar 2021, li għadha sub judice, sabet lir-rikorrent ħati ndipendentement mill-istqarrija tiegħu. Għal din il-Qorti hu ċar kristall li s'issa m'hemm xejn x'jindika li r-rikorrent ma kellux smigħ xieraq jew x'aktarx li mhux ser ikollu smigħ xieraq quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u għalhekk ma sofra l-ebda preġudizzju. Anzi l-ilment tiegħu serva biss sabiex ikomplu jitwalu l-proċeduri kriminali bla bżonn.

----

3 Skont Art. 29 tal-Kap. 101.

40. Din il-pożizzjoni kienet simili għal dik li kienet adottata minn din il-Qorti fis-sentenza preliminari tagħha fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Xerri** tal-15 ta' Diċembru 2021 fejn kien sar stħarriġ tal-posizzjoni legali naxxenti fejn persuna suspettata tkun ġiet mogħtija l-jedd għall-assistenza legali skont dik il-modalita li kienet viġenti fiż-żmien partikolari meta l-persuna suspettata tkun qegħda tiġi interrogata – kemm fejn dik il-persuna tkun irrikorriet għal dik l-assistenza u kif ukoll fejn dik il-persuna ma tkunx irrikorriet għal dik l-istess assistenza. Hija posizzjoni iżjed konsoni ma' diversi prinċipji li kienu mistqarra fil-ġurisprudenza Maltija f'każijiet bħal **Charles Steven Muscat vs. L-Avukat Ġenerali** tat-8 t'Ottubru 2012 jew **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmel Camilleri** tat-22 ta' Frar 2013.

41. Issa f'dan l-istadju tal-proċeduri, fejn il-proċess penali għadu fil-fażi tas-smiegħ u tad-determinazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari li ressaq l-akkużat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 449(1) tal-Kodiċi Kriminali, għadu prematur biex issir determinazzjoni tat-test tal-"overall fairness of the proceedings" in kwantu dan l-istadju għadu biss wieħed mill-istadji preliminari tal-proċeduri kriminali kontra l-akkużat. Biss f'dan l-istadju hemm evidenza ġja miġbura fil-proċess li titfa' dawl fuq il-kuntest li fiha ġiet rilaxxata dik l-istqarrija tal-akkużat u l-effett li din jista' jkollha fuq il-jedd ta' smiegħ xieraq tiegħu.

42. Qabel xejn filwaqt li huwa minnu li l-akkużat ma kellux il-konfort ta' Liġi pożittiva li kienet tipprovdi l-assistenza legali matul l-interrogatorju, mill-banda l-oħra kellu għad-disposizzjoni tiegħu Liġi penali li kienet tippermettilu l-assistenza legali privata u kunfidenzjali

kemm jista' jkun malajr iżda mhux iżjed minn siegħa qabel ma jkun ġie interrogat. Huwa kellu l-għażla li jekk irid jagħmel użu minn dak il-jedd jew jirrinunzja għalih. Kif ingħad f'dak iż-żmien fil-każ li kien jagħmel użu minn dak il-jedd għal assistenza legali imbagħad kienet tiskatta r-regola tal-inferenza, li sussegwentement ġiet abrogata bl-Att LI tal-2016. F'dan il-każ l-akkużat għażel minn jeddu li ma jagħmilx użu mid-dritt li huwa kellu u ingħatalu li jkellem avukat jew prokuratur legali qabel ma jiġi interrogat. L-akkużat qatt ma ġie mċaħħad mid-dritt għall-assistenza legali fil-forma u fil-kwalita li kienet disponibbli għalih f'dak iż-żmien meta huwa ġie biex jirrilaxxja l-istqarrija tiegħu. Huwa ġie mwissi bid-dritt li jikkonsulta ma' avukat wiċċ'imb wiċċ jew bit-telefon sa siegħa qabel ma ttieħditlu l-istqarrija, iżda huwa volontarjament irrifjuta li jirrikorri għal tali assistenza.

43. Apparti minn hekk l-Ispettur Mula wissa' wkoll lill-akkużat bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket u li dak kollu li jistqarr jista' jintuża' bi prova.

44. Meta ġie biex jirrilaxxja l-istqarrija ma jirriżultax li l-akkużat kellu xi bidla fil-ħsieb tiegħu. Anzi huwa mhux biss talli rrilaxxja l-istqarrija tiegħu fejn, fuq mistoqija speċifika tal-Ispettur Mula l-akkużat wieġeb li ma kienx irid jużufruwixxi ruħu mid-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-fiduċja tiegħu, talli huwa ta' deskrizzjoni dettaljata ta' dak li kien ġara u kif huwa spiċċa involut f'dan il-każ.

45. Apparti minn hekk, l-għada li rrilaxxja dik l-istqarrija, huwa għażel ukoll li jmur pass oltre u li jikkonferma l-kontenut ta' dik l-istqarrija quddiem il-Maġistrati Inkwirenti bil-ġurament tiegħu. Muri ritratti ta' tnejn minn nies fuq Photo ID parade ossija Jomic Calleja u David Lee Rogers – li l-akkużat kien jafu bħala "l-Ingliż" huwa pożittivament għarafhom minn wiċċhom.

46. Ma hemmx xi indikazzjoni li l-akkużat kien f'xi stat ta' vulnerabbilita' fil-mument illi ttieħdet din l-istqarrija; daqskemm ma hemmx prova li huwa ma kienx qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu u taċ-ċirkostanzi li fihom kienet qegħda tittieħed dik l-istqarrija. Jekk xejn il-kontenut tal-istqarrija u t-tweġibiet tiegħu fil-bidu nett juru li kien qiegħed jifhem sewwa l-kuntest, iċ-ċirkostanzi, il-mistoqsijiet u r-raġunijiet għaliex kien qiegħed jiġi mistoqsi dwarhom.

47. Apparti minn hekk jirriżulta wkoll li l-akkużat ma kienx xi persuna minorenni, u wisq anqas bniedem inċensurat. Fil-fatt mill-fedina penali tiegħu jirriżulta kif kien xellef difrejh mal-ġustizzja diversi drabi qabel ma ttieħditlu din l-istqarrija – għalkemm l-infrazzjonijiet li għandu huma fil-maġġor parti tagħhom marbuta ma ksur tal-Liġi tal-VAT.

48. Ma nġiebet l-ebda prova li din l-istqarrija ttieħdet b'xi intimidazzjoni jew b'wegħdiet ta' favuri u vantaġġi. Jekk xejn id-dikjkarazzjoni tiegħu magħmula wara li rrilaxxa l-istqarrija tixhed li huwa ddikjara li dik kienet il-verita, u li wara li dik ġiet moqrija lilu mill-Ispettur Mula, l-akkużat żied li ma ried iżid jew inaqqas jew ibiddel xejn minnha. Din id-dikjarazzjoni reġgħet ġiet imtennija l-għada li saret quddiem il-Maġistrati Inkwirenti u, bħal kumplament tal-istqarrija li kien irrilaxxa, ikkonfermaha bil-ġurament tiegħu.

49. Apparti minn hekk, jirriżulta wkoll li fl-istqarrija dettaljata tiegħu l-akkużat ma rrilaxxja l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti stante li huwa qatt ma ammetta l-involviment tiegħu ma' Jomic Calleja jew implika li martu fir-reati li ġie akkużat bihom fl-Att tal-Akkuża in diżamina. Jekk xejn huwa jikkontendi li spiċċa vittma ta' trama maħduma minn Calleja biex b'hekk allura jipprovdi spjegazzjoni għaliex sab ruħu f'dik is-sitwazzjoni meta ġie mwaqqaf mill-Pulizija.

50. Minbarra din l-istqarrija, l-atti proċesswali jixhdu li din l-istqarrija mhix il-prova waħdanija li fuqha l-Prosekuzzjoni qegħda sserraħ il-każ tagħha. Fl-atti inġabru provi oħra li jidher li l-Prosekuzzjoni sejra tressaq fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u li jmorru lil hinn mill-istqarrija.

51. Apparti minn hekk l-akkużat qatt ma lmenta minn din l-istqarrija li huwa rrilaxxja qabel dan l-istadju, minkejja li huwa jirriżulta li kien debitament assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu f'kull stadju ta' dawn il-proċeduri.

52. B'hekk in linja ma' dak deċiż fil-kawżi **Dalli** u **Spagnol** imsemmija iżjed il-fuq, il-pożizzjoni ġurisprudenzjali l-iktar riċenti issa trid li:

a. fejn si tratta ta' stqarrijiet rilaxxati bejn l-10 ta' Frar 2010[25] u t-28 ta' Novembru 2016[26] u
b. fejn ikun ġie amministrat lis-suspettat id-dritt għall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni (iżda mhux ukoll waqt l-interrogazzjoni, u irrispettivament jekk is-suspettat ikunx ukoll irrinunzja għal dak id-dritt li huwa kellu),

ma jitqiesx li tapplika regola tal-esklużjoni awtomatika tal-istess stqarrijiet rilaxxjati mis-suspettat jew akkużat in bażi għal ksur awtomatiku tal-jedd tas-smiegħ xieraq. Iżda biex wieħed ikun jista' jqis jekk u safejn ir-rilaxx ta' tali stqarrija jkunx jista' jkollha impatt fuq id-dritt ta' smiegħ xieraq ta' dak li jkun, tkun trid issir evalwazzjoni tal-proċess penali fl-intier tiegħu skont il-kriterji mfassla f'**Beuze** u l-każijiet l-oħra msemmija.

53. Il-posizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali f'**Dalli** u fi **Spagnol** għalhekk iddipartiet b'mod ferm mill-prinċipji enunċjati f'**BORG vs. Malta** u każijiet analogi. Fl-assenza ta' xi regola jew liġi tad-dritt penali Malti li teskludi l-produċibilita' ta' din l-istqarrija bħala prova, din il-Qorti ma tistax issa tiddikjara (anke preventivament) tali prova inammissibbli.

54. Imbagħad il-valur probatorju tal-istess stqarrija hija kwistjoni li titħalla għall-istħarriġ u l-analiżi tal-imħallfin tal-fatt ossija l-Ġurati fl-istadju tal-Ġuri. Dwar dan il-punt, fl-appell kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bugeja u Piero Di Bartolo**[27] **fejn ingħad:**

> Illi fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova fil-proċess penali, prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi f'dawn il-każijiet li l-Qorti qed issib f'ħoġorha li jittrattaw il-valur probatorju ta' stqarrijiet rilaxxati mill-persuna akkużata li ma ngħatatx l-assistenza legali la qabel u wisq anqas waqt it-teħid ta' dik l-istqarrija, hija qed tiġi imsejħa tqies l-ilment mill-ottika ta' dritt kostituzzjonali iktar milli fl-ambitu ta' proċess ġudizzjarju penali. Dan għaliex mhux qed tiġi invokata ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrijiet fejn allura jiġi mfittex r-rimedju ordinarju għal lanjanza purament ta' natura kostituzzjonali.

[25] Data tal-bidu fis-seħħ tal-Att III tas-sena 2002.
[26] Data tal-bidu fis-seħħ tal-Att LI tas-sena 2016.
[27] Deċiża nhar it-22 ta' Ġunju 2022.

55. Bl-istess mod intqal mill-Qorti Kriminali fil-kawża **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Keith Cremona** deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2022 fejn saret referenza a sua volta għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Martino Aiello**[28] in kwantu ġie rilevat is-segwenti:

> 12. Illi d-difiża madanakollu xorta waħda għadha qed tinsisti fuq l-eċċezzjoni minnha ventilata dwar l-inammissibilita' ta'l-istqarrija tal-akkużat billi tisħaq illi din il-Qorti ta' kompetenza penali trid tħares lejn il-kwistjoni taħt ottika differenti minn dik tal-Qorti Kostituzzjonali, ukoll għaliex flistadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma għandux jiġi rimess għal ġudizzju tal-ġurija popolari jekk il-kriterji mfassla fiddeċiżjoni Beuze vs il-Belġju deċiża mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma ġewx osservati. Jisħaq illi għalkemm l-appellat inqabad f'okkażjoni waħda in flagrante jdaħħal id-droga ġewwa Malta, madanakollu fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija huwa jammetti għal żewġ okkażjonijiet oħra ta'importazzjoni liema fatt allura joħroġ biss minn din l-istqarrija u minn ebda prova oħra. Fil-fehma tad-difiża hija din il-Qorti f'dan l-istadju tal-proċeduri li għandha tara jekk il-kriterji imfassal fid-deċiżjoni Beuze jirriżultaw u jekk humiex ser iwasslu sabiex jivvizjaw listqarrija rilaxxata mill-appellat.
>
> 13. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma din il-linja difenzjonali u dan għaliex kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta' prova filproċess penali, hija prassi adottata mill-ġurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi lammissjoni ta' dik il-prova. Illi għalkemm l-appellat jistieden lil din il-Qorti tqies l- ilment minnu ventilat mill-ottika talproċess ġudizzjarju penali u mhux minn dak ta' natura kostituzzjonali, madanakollu imbagħad ma jinvoka ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrija, iżda jisħaq unikament illi l-istqarrija hija nieqsa mill-valur probatorju tagħha għaliex meta interrogat huwa ma kellux avukat preżenti miegħu sabiex jassistieh u allura qiegħed issejjes din il-lanjanza fuq leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, kwistjoni li issa ġiet determinat finalment mill-Qorti Kostituzzjonali li sabet li ma kien hemm ebda leżjoni f'dan is-sens. (...)

56. B'hekk l-istqarrija tal-akkużat ma tistax tiġi sfilzata u għandha tibqa' parti mill-provi miġbura f'dan il-każ.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

[28] Deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2021.

Ikkunsidrat

57. Illi t-tielet eċċezzjoni tal-akkużat FARRUGIA titratta n-nuqqas ta' ammissibilita' bħala xhieda ta' Angel Attard, David Lee Rogers u Joseph Borg in kwantu dawn il-persuni għandhom każijiet pendenti relatati direttament mal-każ in diżamina u għalhekk huma ko-akkużati jew allegatament ko-awturi fl-akkużi addebitati lil FARRUGIA.

58. Illi jirriżulta li x-xhieda li l-akkużat qiegħed jattakka l-ammissibilita' tagħha hija dik mogħtija minn persuni li huma meqjusa bħala ko-akkużati f'dawn il-proċeduri in kwantu lkoll huma implikati fil-qabda ta' droga li saret nhar l-1 ta' Settembru 2014 u li minnha bdew serje ta' operazzjonijiet ta' konsenja kontrollata li waslet għal qabda ta' ċirklu ta' nies fosthom il-persuni ndikati mill-akkużat f'din it-tielet eċċezzjoni tiegħu.

59. L-akkużat ma jinkludix ix-xhieda ġuramentata mogħtija minn Jomic Calleja a tenur tal-Artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta iżda jillimita l-ilment tiegħu għax-xhieda ta' Angel Attard, David Lee Rogers u Joseph Borg.

60. L-akkużat għandu raġun illi jindika lil dawn ix-xhieda bħala ko-akkużati. Ir-regola kardinali fil-liġi proċedurali penali trid li ko-akkużat ma jkunx jista' jiddeponi fil-proċeduri kontra ko-akkużat jew kompliċi ieħor sakemm il-każ tiegħu ma jkunx ġie deċiż definittivament. Din ir-regola toħroġ mill-interpretazzjoni li l-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin taw matul iż-żmien tar-regola sanċita fl-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali applikata a contrario sensu.

61. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Omissis u Saada Sammut,**[29] ġie rilevat is-segwenti:

> Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall-gurisprudenza hemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat liehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-

[29] Deċiża nhar is-16 ta' Novembru 2006.

persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.). L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed.

62. L-istess intqal fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Zammit, Martin Zammit, Joseph Fenech, Lawrence Azzopardi u Gino Calleja:**[30]

Kwantu għal dawn ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkużati, il-ġurisprudenza, ibbażata fuq il-liġi kif ukoll fuq il-buon sens, hi ċara. Persuna li tkun akkużata, kemm bħala kompliċi kif ukoll bħala ko-awtur, bl-istess reat miġjub kontra akkużat ieħor ma tistax tinġieb bħala xhud favur jew kontra dak l-akkużat sakemm il-każ tagħha ma jkunx ġie definittivament deċiż. Dan il-prinċipju japplika sia jekk il-persuna tkun akkużata fl-istess kawża tal-akkużat l-ieħor b'mod li jkun hemm ko-akkużat fil-veru sens tal-kelma-u sia jekk tkun ġiet akkużata fi proċeduri separati.

63. Issa, mill-atti proċesswali jirriżulta li x-xhieda indikati mill-akkużat FARRUGIA, ġew indikati mill-Avukat Generali fir-rinviji maħruga ai termini tal-Artikolu 405(1) tal-Kodiċi Kriminali u bl-istess mod ġew indikati bħala xhieda fin-nota tax-xhieda annessa mal-Att tal-Akkuża datata 24 ta' Novembru 2022. Lanqas ma jirriżulta li l-Avukat Ġenerali qatt irrinunzjat għax-xhieda tal-imsemmija persuni.

64. Jirriżulta wkoll li x-xhieda, fil-mori tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, ħadu l-pedana tax-xhieda u kif kellhom kull dritt illi jagħmlu bil-Liġi sabiex jevitaw li jinkriminaw ruħhom stante li l-proċeduri fil-konfront tagħhom kienu għadhom sub-iudice, irrifjutaw li jagħtu d-depożizzjoni tagħhom. Dan però ma jfissirx li iżjed il-quddiem, fl-istadju tal-Ġuri, kemm-il darba l-proċeduri fil-konfront tiegħu jkunu hekk għaddew in ġudikat, huma jkunu jistgħu jibqgħu ma jixhdux. F'dak il-punt u f'dik l-eventwalita huma jkunu jitqiesu bħala a competent and compellable witness u jkollhom jixhdu. Irid jingħad ukoll li kemm Jomic Calleja kif ukoll

[30] Deċiża nhar il-31 ta' Lulju 1998.

Angel Attard, bħall-akkużat, irrilaxxjaw stqarrija ġuramentata u li għaliha japplika l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

65. Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Charles Paul MUSCAT** deċiża nhar is- 6 ta' Lulju 2016:

> Premess dan allura "… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings"
>
> Illi allura din id-disposizzjoni tal-ligi holqot eccezzjoni biss ghar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna ghandha tiswa ghalih biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra l-ko-akkuzat. Il-ligi ma tohloq l-ebda eccezzjoni ohra u allura ghas-salvagwardji li jipprovdi l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe: "Meta l-unika xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttivi lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat."
>
> Issa allura dan ifisser illi ai termini ta'l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma 'a competent witness' fil-konfront ta'l-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-deposizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. **Li hu certu huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex 'a compellable witness' u cioe' ma jistghux jigu imgieghla jaghtu id-deposizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma iwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminhom. Fil-fatt meta huma offrew id-deposizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux**.

66. Għaldaqstant, din il-Qorti għar-raġunijiet mistqarra aktar 'il fuq tqis li jkun prematur f'dan l-istadju li tali stqarrija u xhieda tiġi dikjarata inammissibbli. Kemm -il darba mbagħad fl-istadju taċ-

ċelebrazzjoni tal-ġuri dawn ix-xhieda jibqgħu ma jistgħux jagħtu d-depożizzjoni tagħhom għaliex ikunu għadhom meqjusa bħala ko-akkużat fid-definizzjoni tal-Artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti tirriżerva li tindirizza lill-ġurati bil-mod opportun sabiex iwieżnu il-valur probatorju ta' kwalunkwe xiehda, inkluż dik ġuramentata li tkun setgħet ġiet mogħtija minn Attard, Lee Rogers u Borg rispettivament. Dan kien l-insenjament tal-Qorti Kriminali fil-kawża **MUSCAT** imsemmija:

> Izda jekk f'dak l-istadju huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkrimnawx rwiehom fil-process penali li ikun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu iggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentata u dan ghaliex "The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency."
>
> Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz Luca v Italy [(2003) 36 EHRR 46], inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-
>
> > "As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."
>
> Dan ifisser allura illi hemm erba kriterji li iridu jigu ikkunsidrati:
>
> 1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata viva voce fil-qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita li jikkontrolla dak li ighid ix-xhud.
> 2. il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita ta'l-istqarrija minnhom rilaxxjata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-pre-trial stage u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal per ezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.
> 3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li ikun irrilaxxjaha.
> 4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminati u decisiva fil-konfront tal-persuna akkuzata.
>
> Illi fil-kawza Saidi v France (1993 - 17 EHRR 251) inghad :- "The court reiterates that the taking of evidence is governed primarily by the rules of domestic law, and that it is in principle for the national courts to assess the evidence before them. The court's task under the Convention is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which

evidence was taken, were fair. All the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing, with a view to adversarial argument. However, the use as evidence of statements obtained at the stage of the police enquiry and judicial investigation is not in itself inconsistent with Article 6(3)(d) and (1) provided that the right to the defence had been respected.." (sottolinjar tal-Qorti).

Dan ifisser allura illi tali prova ma tista' qatt titqies li hija inammissibbli semplicement ghaliex ix-xhieda li ikunu offrew dik l-istqarrija fl-istadju tal-investigazzjonijiet ma ikunux xehdu quddiem il-Qorti viva voce ghaliex din wahedha ma tistax twassal ghal inammissibilita ta' prova li l-ligi tqies bhala wahda legalment valida. Madanakollu min hu imsejjah biex jiggudika irid jimxi b'kawtela kbira sabiex jigi zgurat illi d-dritt sagrosant sancit mill-Kostituzzjoni u il-Konvenzjoni ghal smiegh xieraq f'kull process penali ma jigiex mittiefes.

Għal dawn ir-raġunijiet,[31] f'dan l-istadju it-tielet u l-aħħar eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda fis-sens li din il-Qorti, kif diġa nqtal, tirriżerva li kwantu għal dawk li diġà taw xiehda ġuramentata tagħti l-opportuni kawteli lill-ġurati kemm -il darba huma jibqgħu ma jistgħux jagħtu x-xhieda tagħhom viva voce fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri kontra l-akkużat FARRUGIA.

Il-kawża qed tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le.

Sadattant l-akkużat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.

Aaron M. Bugeja,
Imħallef

[31] u salv għal dak li ntqal iżjed il-fuq fir-rigward tax-xiehda li jkunu għadhom ko-akkużati fl-istadju tal-ġuri minħabba li l-każijiet kontra tagħhom ma jkunux għadhom ġew konklużi b'mod definittiv u finali u li ma jkunux irrilaxxaw stqarrijiet ġuramentati skont il-Liġi